PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2011/0402(CNS)**

20.9.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)
(COM(2011)0811 – C7-0509/2011 – 2011/0402(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Silviu Buşoi

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Orizzont 2020, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja l-programm, għandu l-għan li jimplimenta l-objettivi ewlenin tal-inizjattiva 'Unjoni tal-Innovazzjoni', b'enfasi fuq l-isfidi attwali tas-soċjetà u t-tisħiħ tar-rabta bejn ir-riċerka minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel u l-kummerċjalizzazzjoni. Għandu l-għan ukoll li jissimplifika aktar u jżid il-parteċipazzjoni tal-SMEs. Ħafna mill-isfidi ambjentali bħall-klima, l-użu effiċjenti tar-riżorsi, l-enerġija u t-trasport nodfa, is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel jaqgħu fil-kompetenza tal-Kumitat ENVI. Ir-Rapporteur jilqa' favorevolment il-proposti tal-Kummissjoni, iżda jagħmel enfasi akbar fuq uħud mill-aspetti indirizzati.

Fl-opinjoni attwali, ir-Rapporteur qies approċċ olistiku bħala l-aħjar mod biex jisssaħħu aktar il-prijoritajiet tal-Kumitat ENVI. Dan l-ewwel rapport għandu jitqies ukoll bħala wieħed li jiftaħ id-dibattitu dwar dan il-programm kumpless li huwa ta' importanza fundamentali biex jiżdied it-tkabbir ekonomiku aħdar u sostenibbli fl-Unjoni Ewropea filwaqt li tiġi promossa soċjetà b'saħħitha.

L-opinjoni tiffoka l-aktar fuq l-isfidi tas-soċjetà u tipproponi t-tisħiħ ta' xi aspetti marbuta mas-saħħa, is-sikurezza tal-ikel, il-klima u l-ambjent.

**Is-saħħa**

Minħabba l-valur miżjud kbir tagħha għal trattamenti innovattivi, pereżempju fil-mediċina riġenerattiva, ir-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali, permezz tal-istudju ta' alternattivi eżistenti għaċ-ċelloli staminali tal-embrijun, għandha tibqa' tiġi appoġġata filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-preokkupazzjonijiet rigward l-etika. Għandha titqiegħed enfasi speċjali wkoll fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tat-trattament tal-mard. L-appoġġ pubbliku għar-riċerka u l-iżvlupp fil-qasam tal-infezzjonijiet u l-mard rari għandu jiżdied u l-kondiviżjoni tal-għarfien għandha titħeġġeġ. Il-bżonnijiet tal-pazjenti għandhom jistimulaw l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa kif ukoll il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa ambjentali għandhom ikunu ffinanzjati sew.

**Is-sikurezza tal-ikel**

Qed jiġi propost li l-isfidi tas-soċjetà marbuta mas-sikurezza tal-ikel jitwessgħu biex jinkludu l-aspetti kollha tas-sikurezza tal-ikel.

**Il-klima u l-ambjent**

Il-bilanċ bejn l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jiġi mmonitorjat regolarment u effettivament. L-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għandu jissaħħaħ. Iż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija rinnovabbli tista' tagħmilha aktar attraenti ekonomikament, filwaqt li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, titnaqqas id-dipendenza tagħna mill-fjuwils fossili u tiġi promossa ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Orizzont 2020 huwa programm fundamentali li jista' jgħin lill-UE tkompli tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet u partikuli ta' ħsara għall-ambjent u għas-saħħa, mingħajr ebda piż fuq l-industriji jew l-Istati Membri.

**L-aspetti orizzontali**

Tinħtieġ konnessjoni akbar bejn l-objettivi tal-inizjattivi ewlenin 'Unjoni tal-Innovazzjoni' u 'Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza' u Orizzont 2020 u għalhekk din ġiet inkorporata fl-

opinjoni. Sabiex jinkiseb l-akbar benefiċċju possibbli mill-proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-innovazzjoni fl-UE kollha, il-komplementarjetà ta' Orizzont 2020 ma' Fondi oħra Nazzjonali u tal-UE għandha tiġi mmonitorjata strettament. Barra minn hekk, qed jiġi propost ukoll li tiżdied aktar il-parteċipazzjoni tal-SMEs, billi din tista' tistimula t-tkabbir ekonomiku aħdar u sostenibbli. Aspett importanti tal-indikaturi tal-prestazzjoni, li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' Orizzont 2020, huwa inkluż ukoll fir-rapport.

Emendi oħra dwar il-qsim tal-baġits u l-objettivi tar-riċerka fil-katina tal-innovazzjoni kif ukoll dwar is-simplifikazzjoni se jitħallew għal wara d-dibattitu li għandu jsir fil-Kumitat ENVI dwar Orizzont 2020.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Filwaqt li l-Orizzont 2020 jistabbilixxi l-objettiv ġenerali ta' dak il-programm qafas, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-objettivi u attivitajiet speċifiċi li jridu jitwettqu, il-programm speċifiku għandu jiddefinixxi objettivi speċifiċi u linji ġenerali tal-attivitajiet li huma speċifiċi għal kull waħda mill-Partijiet. Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni stabbiliti f'Orizzont 2020 japplikaw bis-sħiħ għal dan il-programm speċifiku, inkluż dawk relatati għal prinċipji etiċi. | (3) Filwaqt li l-Orizzont 2020 jistabbilixxi l-objettiv ġenerali ta' dak il-programm qafas, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-objettivi u attivitajiet speċifiċi li jridu jitwettqu, il-programm speċifiku għandu jiddefinixxi objettivi speċifiċi u linji ġenerali tal-attivitajiet li huma speċifiċi għal kull waħda mill-Partijiet. Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni stabbiliti f'Orizzont 2020 japplikaw bis-sħiħ għal dan il-programm speċifiku, inkluż dawk relatati għal prinċipji etiċi. ***L-aċċessibbiltà tal-informazzjoni u tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni li jikkonċernaw l-Orizzont 2020, inkluża l-komunikazzjoni dwar proġetti u riżultati appoġġjati, jeħtieġu l-għoti ta' formati aċċessibbli għal kulħadd. Formati aċċessibbli jinkludu, iżda mhumiex limitati għal testi b'tipa kbira, Braille, test faċli biex jinqara, awdjo, vidjow u format elettroniku.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex tinżamm u tissaħħaħ it-tmexxija industrijali tal-Unjoni hemm bżonn urġenti li tiġi stimulata r-riċerka u l-iżvilupp fis-settur privat u l-investiment fl-innovazzjoni, tiġi promossa r-riċerka u l-innovazzjoni b'aġenda xprunata min-negozju u jitħaffef l-iżvilupp *tat eknoloġiji* ġodda li se jsostnu negozji futuri u t-tkabbir ekonomiku. *Il-parti* dwar "tmexxija industrijali" għandha tappoġġa investimenti f'riċerka u innovazzjoni ***eċċellenti*** f'teknoloġiji abilitanti ewlenin u teknoloġiji industrijali oħra, tiffaċilita l-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal kumpaniji u proġetti innovattivi u tipprovdi appoġġ madwar l-Unjoni għall-innovazzjoni fl-impriżi żgħar u ta'daqs medju. | (8) Sabiex tinżamm u tissaħħaħ it-tmexxija industrijali tal-Unjoni***, partikolarment fir-rigward tal-industrija li tirrispetta l-ambjent,*** hemm bżonn urġenti li tiġi stimulata r-riċerka u l-iżvilupp fis-settur privat u l-investiment fl-innovazzjoni, tiġi promossa r-riċerka u l-innovazzjoni b'aġenda xprunata min-negozju u jitħaffef l-iżvilupp *tat-teknoloġiji* ġodda li se jsostnu negozji futuri u t-tkabbir ekonomiku. *Il-Parti II* dwar "tmexxija industrijali" għandha tappoġġa investimenti f'riċerka u innovazzjoni ***ta' kwalità għolja*** f'teknoloġiji abilitanti ewlenin u teknoloġiji industrijali oħra, ***partikolarment dawk li jirrispettaw l-ambjent,*** tiffaċilita l-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal kumpaniji u proġetti innovattivi u tipprovdi appoġġ madwar l-Unjoni għall-innovazzjoni fl-impriżi żgħar u ta'daqs medju. |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Part III "Sfidi tas-soċjetà" għandha żżid l-effettività tar-riċerka u l-innovazzjoni bħala reazzjoni għall-isfidi prinċipali tas-soċjetà billi tappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni eċċellenti. Dawk l-attivitajiet għandhom jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jiġbor flimkien riżorsi u għarfien bejn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. Ix-xjenzi soċjali u r-riċerka fl-istudji umanistiċi huma element importanti għall-indirizzar tal-isfidi kollha. L-attivitajiet għandhom ikopru l-firxa sħiħa | (11) Il-Part III "Sfidi tas-soċjetà" għandha żżid l-effettività tar-riċerka u l-innovazzjoni bħala reazzjoni għall-isfidi prinċipali tas-soċjetà billi tappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni eċċellenti. Dawk l-attivitajiet għandhom jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jiġbor flimkien riżorsi u għarfien bejn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. Ix-xjenzi soċjali u r-riċerka fl-istudji umanistiċi huma element importanti għall-indirizzar tal-isfidi kollha. L-attivitajiet għandhom ikopru l-firxa sħiħa |

| | |
|---|---|
| ta’ riċerka u innovazzjoni b’enfasi fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-bażijiet sperimentali u l-appoġġ għall-akkwist pubbliku, riċerka prenormattiva u l-istabbiliment ta’ standards, u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet għandhom jappoġġaw direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni. It-tibdiliet kollha għandhom jikkontribwixxu lill-objettiv prevalenti tal-iżvilupp sostenibbli. | ta’ riċerka u innovazzjoni b’enfasi fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-bażijiet sperimentali u l-appoġġ għall-akkwist pubbliku, riċerka prenormattiva u l-istabbiliment ta’ standards, u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet għandhom jappoġġaw direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni. It-tibdiliet kollha għandhom jikkontribwixxu lill-objettiv prevalenti tal-iżvilupp sostenibbli ***u għall-iżvilupp ta’ soċjetajiet sikuri u innovattivi***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Il-programm speċifiku għandu jikkumplimenta l-azzjonijiet imwettqa fl-Istati Membri kif ukoll azzjonijiet oħra tal-Unjoni li huma meħtieġa għall-isforz strateġiku ġenerali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari b'azzjonijiet fl-oqsma ta' politika tal-koeżjoni, agrikoltura, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, industrija, saħħa pubblika, protezzjoni tal-konsumatur, impjiegi u politika soċjali, enerġija, trasport, ambjent, *tibdil* fil-klima, sigurtà, baħar u sajd, kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politika tat-tkabbir u tal-viċinat. | (15) Il-programm speċifiku għandu jikkumplimenta l-azzjonijiet imwettqa fl-Istati Membri kif ukoll azzjonijiet oħra tal-Unjoni li huma meħtieġa għall-isforz strateġiku ġenerali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari b'azzjonijiet fl-oqsma ta' politika tal-koeżjoni, agrikoltura, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, industrija, saħħa pubblika, protezzjoni tal-konsumatur, impjiegi u politika soċjali, enerġija, trasport, ambjent, *l-azzjoni dwar it-tibdil* fil-klima, sigurtà, baħar u sajd, kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politika tat-tkabbir u tal-viċinat. ***Il-Kummissjoni għandha tistinka biex tevita li jkun hemm xi duplikazzjoni bejn l-azzjonijiet finanzjati mill-programmi tal-Unjoni u Orizzont 2020 u, safejn ikun possibbli, bejn l-azzjonijiet imwettqa fil-livell nazzjonali u dawk appoġġjati minn Orizzont 2020. Fl-inkoraġġiment tal-innovazzjoni u r-riċerka, għandu jingħata*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***inkoraġġiment għas-sinerġiji bejn dawn l-oqsma tal-politika, peress li l-esperjenza turi li f'xi każijiet il-problemi tas-soċjetà jistgħu jiġu solvuti biss permezz ta' soluzzjonijiet kumplessi u integrati.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c – punt ia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***i) Ix-xjenza tal-għarfien u t-teknoloġija. Ix-xjenzi tal-ħajja, is-saħħa, id-dinja, l-ambjent, ir-riżorsi naturali u s-sikurezza tal-ikel;*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c – punt iia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***ii) Soċjali, Ekonomiċi u dwar l-Umanità. Sfidi demografiċi, rigward l-edukazzjoni, il-kwistjonijiet territorjali, it-tmexxija, il-kultura, il-kontenuti diġitali, l-istudji umanistiċi, il-wirt kulturali u oqsma ta' għarfien intanġibbli;*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(da) it-tisħiħ tat-trasferiment tal-għarfien mir-riċerka u l-innovazzjoni għal-livelli kollha tal-edukazzjoni;*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Parti III “Sfidi tas-soċjetà” għandha tikkontribwixxi *lill-prijorità* “Sfidi tas-soċjetà” stabbiliti fl-Artikolu 5(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020] billi jitwettqu azzjonijiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi li ġejjin: | Il-Parti III “Sfidi tas-soċjetà” għandha tikkontribwixxi *għall-prijorità* “Sfidi tas-soċjetà” stabbiliti fl-Artikolu 5(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020] billi jitwettqu azzjonijiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni ***u l-kwistjonijiet soċjoekonomiċi relatati*** li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi li ġejjin: |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) it-titjib tas-saħħa u l-benessri matul il-ħajja; | (a) it-titjib tas-saħħa u l-benessri matul il-ħajja ***u t-titjib tas-soluzzjonijiet biex il-persuni li qed jixjieħu jibqgħu awtonomi***; |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – Paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) issir it-tranżizzjoni lejn *sistem* tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva, fid-dawl tal-iskarsezza tar-riżorsi, l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu *tal-enerġija* u t-tibdil fil-klima; | (c) issir it-tranżizzjoni lejn *sistema* tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva, fid-dawl tal-iskarsezza tar-riżorsi, l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu *għall-enerġija* u t-tibdil fil-klima***, b'mod partikulari permezz tal-innovazzjoni fl-enerġiji rinnovabbli***; |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali dejjem akbar fil-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. | (e) tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima***, l-impatti tat-tibdil fil-klima fil-bidla tal-istruttura tal-ekosistemi*** u provvista sostenibbli tal-materja prima, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali dejjem akbar fil-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) L-adattament għall-isfidi tal-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima relatati maċ-ċiklu idroloġiku, it-tnaqqis tal-bijodiversità u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali;*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) il-promozzjoni ta' relazzjoni koerenti bejn iż-żoni urbani u rurali biex ikun hemm sostenibilità ambjentali aħjar;*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet u l-prijoritajiet tar-riċerka li huma soċjalment relevanti, permezz tat-twaqqif ta' pjattaformi għad-djalogu bejn is-soċjetà ċivili u r-riċerkaturi, u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' programmi ta' riċerka taħt sfidi tas-soċjetà;*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fc) l-isfruttar tad-diversità tal-għarfien fi ħdan is-soċjetà u l-kontribut għall-innovazzjoni soċjali permezz ta' approċċi ta' riċerka parteċipattivi;*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-Partijiet I sa III msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(2) għandhom jistabbilixxu l-objettivi indirizzati, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom, inkluża, fejn xieraq, informazzjoni indikattiva dwar l-ammont tan-nefqa relatata mal-klima. Għandhom jinkludu ukoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal- | Il-programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-Partijiet I sa III msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(2) għandhom jistabbilixxu l-objettivi indirizzati, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom, inkluża, fejn xieraq, informazzjoni indikattiva dwar l-ammont tan-nefqa relatata mal-klima. Għandhom jinkludu ukoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal- |

ammont allokat għal kull azzjoni, skeda indikattiva ta' implimentazzjoni, kif ukoll approċċ multiannwali u orjentazzjonijiet strateġiċi għas-snin sussegwenti ta' implimentazzjoni. Għandhom jinkludu għotjiet għall-prijoritajiet essenzjali, kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament. Għandhom jippermettu approċċi minn isfel għal fuq li jindirizzaw l-objettivi *f'modi* innovattivi.

ammont allokat għal kull azzjoni, skeda indikattiva ta' implimentazzjoni, kif ukoll approċċ multiannwali u orjentazzjonijiet strateġiċi għas-snin sussegwenti ta' implimentazzjoni. Għandhom jinkludu għotjiet għall-prijoritajiet essenzjali, kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament. Għandhom jippermettu approċċi ***strateġiċi minn fuq għal isfel kif ukoll*** minn isfel għal fuq***, kif ikun xieraq,*** li jindirizzaw l-objettivi *b'modi* innovattivi.

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li approċċ minn isfel għal fuq ikkoordinat b'mod anqas strett huwa pjuttost xieraq għal xi oqsma tar-riċerka, oħrajn jeħtieġu ħsieb strateġiku fuq stampa wiesgħa u koordinazzjoni stretta minn fuq għal isfel. L-enfasi li żdiedet fl-Orizzont 2020 dwar il-bioloġija tas-sistemi u approċċi ta' riċerka simili teħtieġ li jkunu previsti oqfsa minn fuq għal isfel.*

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6a. L-istrumenti għar-rabta bejn ir-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Fondi Strutturali għandhom jiġu implimentati permezz tal-programmi "Reġjuni ta' Għarfien" u "Speċjalizzazzjonijiet intelliġenti", li t-tnejn li huma għandhom jitpoġġew fl-ERA sabiex joħolqu indikaturi oġġettivi għat-"taraġ ta' eċċellenza".*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-President għandu jinħatar mill-Kummissjoni, wara proċess ta' reklutaġġ li jinvolvi kumitat dedikat għat-tiftix, għal terminu limitat ta' erba' snin li jiġġedded darba. ***Il-proċess*** ta' reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu jkollhom l-approvazzjoni tal-Kunsill Xjentifiku. | Il-President għandu jinħatar mill-Kummissjoni, wara proċess ta' reklutaġġ li jinvolvi kumitat dedikat għat-tiftix, għal terminu limitat ta' erba' snin li jiġġedded darba. ***Il-proċedura*** ta' reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu jkollhom l-approvazzjoni tal-Kunsill Xjentifiku. ***Qabel ma tintemm din il-proċedura, il-Kummissjoni tgħaddi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jillimitaw ruħhom billi jesprimu parir rigward il-kandidat magħżul.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proċedura għall-ħatra tal-President tas-CER għandha tkun aktar trasparenti.*

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-President għandu jippresjedi l-Kunsill Xjentifiku ***u*** għandu jiżgura t-tmexxija u l-kollaborazzjoni tiegħu mal-istruttura dedikata ta' implimentazzjoni, u għandu jirrappreżentah fid-dinja tax-xjenza. | Il-President għandu jippresjedi l-Kunsill Xjentifiku**,** għandu jiżgura t-tmexxija u l-kollaborazzjoni tiegħu mal-istruttura dedikata ta' implimentazzjoni, ***għandu jkun responsabbli għall-attivitajiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni*** u għandu jirrappreżentah fid-dinja tax-xjenza. |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 1.1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-azzjonijiet indiretti tal-Orizzont 2020 se | L-azzjonijiet indiretti tal-Orizzont 2020 se |

| | |
|---|---|
| jkunu implimentati permezz ta' forom ta' finanzjament previsti fir-Regolament Finanzjarju, partikolarment għotjiet, premjijiet, akkwisti u strumenti finanzjarji. Il-forom kollha tal-finanzjament se jintużaw b'mod flessibbli fil-firxa kollha tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Orizzont 2020, *bl-użu* tagħhom jiġi ddeterminat abbażi tal-ħtiġijiet u l-aspett speċifiki tal-objettiv speċifiku partikolari. | jkunu implimentati permezz ta' forom ta' finanzjament previsti fir-Regolament Finanzjarju, partikolarment għotjiet, premjijiet, akkwisti u strumenti finanzjarji. Il-forom kollha tal-finanzjament se jintużaw b'mod flessibbli fil-firxa kollha tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Orizzont 2020, *u l-użu* tagħhom jiġi ddeterminat abbażi tal-ħtiġijiet u l-aspett speċifiki tal-objettiv speċifiku partikolari. ***Fil-finanzjament tal-SMEs se tingħata attenzjoni partikulari għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' aċċess għall-fondi u tal-obbligi ta' rrappurtar.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 1.1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Attenzjoni partikolari għandha tingħata biex ikun żgurat approċċ wiesa' għall-innovazzjoni, li *mhuwiex* biss limitat għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda abbażi ta' avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi, iżda li jinkorpora wkoll aspetti bħall-użu ta' teknoloġiji eżistenti f'applikazzjonijiet ġodda, titjib kontinwu, l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali. Approċċ olistiku għall-innovazzjoni biss jista' jindirizza fl-istess ħin l-isfidi tas-soċjetà u jagħti lok għal negozji u industriji kompetittivi ġodda. | Attenzjoni partikolari għandha tingħata biex ikun żgurat approċċ wiesa' għall-innovazzjoni, li *ma jkunx* biss limitat għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda abbażi ta' avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi, iżda li jinkorpora wkoll aspetti bħall-użu ta' teknoloġiji eżistenti f'applikazzjonijiet ġodda, titjib kontinwu, l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali. Approċċ olistiku għall-innovazzjoni biss jista' jindirizza fl-istess ħin l-isfidi tas-soċjetà u jagħti lok għal negozji u industriji kompetittivi ġodda. ***L-istruttura Orrizont 2020 għandha tkun flessibbli sabiex tippermetti sejħiet u attivitajiet konġunti organizzati u finanzjati fil-qafas ta' diversi sfidi u partijiet ta' Orizzont 2020.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 1.1 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-isfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali b’mod partikolari, se jkun hemm enfasi partikolari fuq attivitajiet ta’ appoġġ li joperaw qrib is-suq, bħal dimostrazzjoni, il-pilotaġġ jew il-prova tal-kunċett. Din se tinkludi wkoll, fejn xieraq, l-attivitajiet favur l-innovazzjoni soċjali, *il-prestandardizzazzjoni* jew l-akkwist prekummerċjali, l-akkwist ta’ soluzzjonijiet innovattivi, l-istandardizzazzjoni u miżuri tad-domanda oħrajn biex jgħinu fl-aċċellerazzjoni tal-użu u d-diffużjoni ta’ prodotti u servizzi innovattivi fis-suq. Barra minn hekk, se jkun hemm biżżejjed lok għal approċċi minn isfel għal fuq u skemi miftuħa, ħfief u veloċi taħt kull waħda mill-isfidi u teknoloġiji biex jipprovdu, lill-aħjar riċerkaturi, intraprendituri u impriżi tal-Ewropa, l-opportunità li jippreżentaw soluzzjonijiet rivoluzjonarji tal-għażla tagħhom. | Għall-isfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali b’mod partikolari, se jkun hemm enfasi partikolari fuq attivitajiet ta’ appoġġ li joperaw qrib is-suq, bħal dimostrazzjoni, il-pilotaġġ jew il-prova tal-kunċett. Din se tinkludi wkoll, fejn xieraq, l-attivitajiet favur l-innovazzjoni soċjali, *u appoġġ għall-approċċi mil-lat tad-domanda, bħall-prestandardizzazzjoni* jew l-akkwist prekummerċjali, l-akkwist ta’ soluzzjonijiet innovattivi, l-istandardizzazzjoni u miżuri tad-domanda oħrajn biex jgħinu fl-aċċellerazzjoni tal-użu u d-diffużjoni ta’ prodotti u servizzi innovattivi fis-suq. Barra minn hekk, se jkun hemm biżżejjed lok għal approċċi minn isfel għal fuq u skemi miftuħa, ħfief u veloċi taħt kull waħda mill-isfidi u teknoloġiji biex jipprovdu, lill-aħjar riċerkaturi, intraprendituri u impriżi tal-Ewropa***, partikolarment l-SMEs***, l-opportunità li jippreżentaw soluzzjonijiet rivoluzjonarji tal-għażla tagħhom. |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 1.1 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-iffissar tal-prijoritajiet dettaljati matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 se jinvolvi approċċ strateġiku għall-ipprogrammar tar-riċerka, bl-użu ta' modi ta' governanza li jallinjaw mill-qrib mal-iżvilupp tal-politika iżda li jaqsmu l-politiki settorjali tradizzjonali. Dan ikun imsejjes fuq evidenza soda, analiżi u antiċipazzjoni, bi progress li jitkejjel permezz ta' sett robust ta' indikaturi tal-prestazzjoni. Dan l-approċċ trasversali għall-ipprogrammar u l-governanza se | L-iffissar tal-prijoritajiet dettaljati matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 se jinvolvi approċċ strateġiku għall-ipprogrammar tar-riċerka, bl-użu ta' modi ta' governanza li jallinjaw mill-qrib mal-iżvilupp tal-politika iżda li jaqsmu l-politiki settorjali tradizzjonali. Dan ikun imsejjes fuq evidenza soda, analiżi u antiċipazzjoni, bi progress li jitkejjel permezz ta' sett robust ta' indikaturi tal-prestazzjoni. Dan l-approċċ trasversali għall-ipprogrammar u l-governanza se |

| | |
|---|---|
| jippermetti koordinazzjoni effettiva bejn l-objettivi speċifiċi kollha tal-Orizzont 2020 u se jkun possibbli li jiġu indirizzati l-isfidi li jolqtuhom, bħal pereżempju is-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima jew ix-xjenzi u t-teknoloġiji tal-baħar. | jippermetti koordinazzjoni effettiva bejn l-objettivi speċifiċi kollha tal-Orizzont 2020 u se jkun possibbli li jiġu indirizzati l-isfidi li jolqtuhom, bħal pereżempju l-effiċjenza fir-riżorsi, is-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima jew ix-xjenzi u t-teknoloġiji tal-baħar. |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 1.2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ix-xjenzi u l-istudji umanistiċi huma wkoll inklużi bħala element essenzjali tal-attivitajiet meħtieġa biex jiġu indirizzati kull waħda mill-isfidi tas-soċjetà biex jitjieb l-impatt tagħhom. Dawn jinkludu: fehim tad-determinanti għas-saħħa u ottimizzazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, appoġġ lill-politiki li jagħtu setgħa liż-żoni rurali u jippromwovu għażliet informati tal-konsumatur, teħid *robust tad-deċiżjonijiet* dwar il-politika tal-enerġija u *fl-iżgurar ta' grilja Ewropea tal-elettrika* favur il-konsumatur, politika u tbassir għat-trasport ibbażati fuq evidenza ta' sostenn, appoġġ għal strateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, inizjattivi ta' użu effiċjenti tar-riżorsi u miżuri lejn ekonomija ekoloġika u sostenibbli. | Ix-xjenzi u l-istudji umanistiċi huma wkoll inklużi bħala element essenzjali tal-attivitajiet meħtieġa biex jiġu indirizzati kull waħda mill-isfidi tas-soċjetà biex jitjieb l-impatt tagħhom. Dawn jinkludu: fehim tad-determinanti għas-saħħa u ottimizzazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, appoġġ lill-politiki li jagħtu setgħa liż-żoni rurali u *li* jippromwovu għażliet informati tal-konsumatur, teħid *ta' deċiżjonijiet affidabbli* dwar il-politika tal-enerġija u *li jiżgura netwerk Ewropew tal-elettriku* favur il-konsumatur, ***il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli,*** politika u tbassir għat-trasport ibbażati fuq evidenza ta' sostenn, appoġġ għal strateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, inizjattivi ta' użu effiċjenti tar-riżorsi u miżuri lejn ekonomija ekoloġika u sostenibbli. |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-isfidi prinċipali tas-soċjetà mhumiex astratti, għandhom dimensjoni territorjali. Barra minn hekk, skont l-importanza tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***problema urbana f'termini ta' kreattività, innovazzjoni u impatti soċjali u ekonomiċi, hemm bżonn kunsiderazzjoni speċifika tad-dimensjoni urbana u territorjali.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 1.3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont l-Artikolu 18 ta' Orizzont 2020, miżuri dedikati kif stabbiliti fl-objettiv speċifiku "Innovazzjoni fl-SMEs" (strument iddedikat lill-SMEs ) għandhom jiġu applikati fl-objettiv speċifiku "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali" *u l-Parti* "Sfidi tas-soċjetà ". Dan l-approċċ integrat huwa mistenni li jwassal għal madwar ***15 %*** tal-baġits totali kkombinati tagħhom li jmorru indirizzat lill-SMEs. | Skont l-Artikolu 18 ta' Orizzont 2020, miżuri dedikati kif stabbiliti fl-objettiv speċifiku "Innovazzjoni fl-SMEs" (strument iddedikat lill-SMEs ) għandhom jiġu applikati fl-objettiv speċifiku "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali" u *l-Parti III* "Sfidi tas-soċjetà ". Dan l-approċċ integrat huwa mistenni li jwassal għal madwar ***20 %*** tal-baġits totali kkombinati tagħhom li jmorru indirizzat lill-SMEs. |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 1 – punt 1.5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Valur miżjud ewlieni tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati fil-livell tal-Unjoni huwa l-possibbiltà li jiġu ddisseminati u kkomunikati r-riżultati fuq livell kontinentali biex jissaħħaħ l-impatt tagħhom. Għaldaqstant Orizzont 2020 se jinkludi, taħt l-objettivi speċifiċi kollha tiegħu, appoġġ dedikat għal disseminazzjoni (inkluż permezz ta' aċċess miftuħ għal riżultati tar-riċerka), azzjonijiet ta' komunikazzjoni u djalogu, b'enfasi b'saħħitha fuq il-komunikazzjoni tar- | Valur miżjud ewlieni tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati fil-livell tal-Unjoni huwa l-possibbiltà li jiġu ddisseminati u kkomunikati r-riżultati fuq livell kontinentali biex jissaħħaħ l-impatt tagħhom. Għaldaqstant Orizzont 2020 se jinkludi, taħt l-objettivi speċifiċi kollha tiegħu, appoġġ dedikat għal disseminazzjoni (inkluż permezz ta' aċċess miftuħ għal riżultati tar-riċerka), azzjonijiet ta' komunikazzjoni u djalogu, b'enfasi b'saħħitha fuq il-komunikazzjoni tar- |

riżultati lill-utenti aħħarin, ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika. Għal dan il-għan, Orizzont 2020 jista' jagħmel użu minn netwerks stabbiliti għat-trasferiment tal-informazzjoni. Attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa fil-kuntest tal-Orizzont 2020 se jippruvaw iżidu wkoll il-kuxjenza pubblika dwar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' pubblikazzjonijiet, avvenimenti, maħżna ta' għarfien, bażi tad-dejta, siti tal-internet jew użu mmirat tal-midja soċjali.

riżultati lill-utenti aħħarin, ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika. Għal dan il-għan, Orizzont 2020 jista' jagħmel użu minn netwerks stabbiliti għat-trasferiment tal-informazzjoni. Attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa fil-kuntest tal-Orizzont 2020 se jippruvaw iżidu wkoll il-kuxjenza pubblika dwar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' pubblikazzjonijiet, avvenimenti, maħżna ta' għarfien, bażi tad-dejta, siti tal-internet jew użu mmirat tal-midja soċjali. ***Sabiex jiġi simplifikat l-aċċess għall-informazzjoni u għall-iżvilupp ta' strument bl-informazzjoni kollha mitluba mill-komunità ta' riċerka u, wara li titqies il-ħtieġa għat-trasparenza, Cordis, bħala strument diġitali għandu jiġi rivedut u mibdul b'mod aktar ċar u flessibbli.***

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 2 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra minn hekk, firxa ta' azzjonijiet immirati se jiġu implimentatii billi jittieħed approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali abbażi ta' interess komuni u benefiċċju reċiproku u l-promozzjoni tal-koordinazzjoni u sinerġiji ma' attivitajiet tal-Istati Membri. Dan se jinkludi mekkaniżmu ta' appoġġ għal sejħiet konġunti u l-possibbiltà ta' programmi ta' kofinanzjament flimkien ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. | Barra minn hekk, firxa ta' azzjonijiet immirati se jiġu implimentatii billi jittieħed approċċ strateġiku ***minn fuq għal isfel*** għall-kooperazzjoni internazzjonali abbażi ta' interess komuni u benefiċċju reċiproku u l-promozzjoni tal-koordinazzjoni u sinerġiji ma' attivitajiet tal-Istati Membri. Dan se jinkludi mekkaniżmu ta' appoġġ għal sejħiet konġunti u l-possibbiltà ta' programmi ta' kofinanzjament flimkien ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li approċċ 'minn isfel għal fuq' ikkoordinat b'mod anqas strett huwa pjuttost xieraq għal xi oqsma ta' riċerka, oħrajn jeħtieġu ħsieb strateġiku fuq stampa wiesgħa u koordinazzjoni stretta minn fuq għal isfel. L-enfasi li żdiedet fl-Orizzont 2020 dwar il-*

*bioloġija tas-sistemi u approċċi ta' riċerka simili teħtieġ li jkunu previsti oqfsa minn fuq għal isfel.*

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 2 – paragrafu 6 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Il-kontinwazzjoni *ta' Sħubija* għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP2) dwar provi kliniċi għal interventi mediċi kontra l-HIV, il-malarja u t-tuberkolożi; | (a) Il-kontinwazzjoni***, il-finanzjament xieraq u l-espansjoni ġeografika lejn reġjuni oħrajn li qed jiżviluppaw,*** *tas-Sħubija* għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP2) dwar provi kliniċi ***mill-Fażi I-IV*** għal interventi mediċi kontra l-HIV, il-malarja u t-tuberkolożi ***u l-mard minsi***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mard assoċjat mal-faqar u l-mard minsi, kif ukoll il-koninfezzjonijiet, iseħħu wkoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw barra mill-Afrika (eż. iċ-Chagas fl-Amerika Latina u l-Leishmaniasis fl-Ażja), u għaldaqstant ikun xieraq li l-ambitu ġeografiku jiġi estiż. Dan jiżgura wkoll li s-sinerġiji fir-riċerka, li titwettaq f'reġjuni oħrajn, jistgħu jintużaw biex il-prodotti tas-saħħa jkunu disponibbli b'ħeffa akbar. L-EDCTP għandha tkun iffinanzjata b'konsegwenza sabiex tiġi salvagwardjata l-effiċjenza tagħha.*

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Punt 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra minn hekk, f'ħafna każijiet, kontribuzzjoni effettiva lill-objettivi ta' Ewropa 2020 u l-Unjoni tal-Innovazzjoni se tesiġi li jiġu żviluppati soluzzjonijiet li huma interdixxiplinari fin-natura tagħhom u għalhekk jolqtu bosta objettivi speċifiċi tal-Orizzont 2020. Se tingħata attenzjoni partikolari lir-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli. Il-ġens għandu jiġi indirizzat bħala kwistjoni trasversali sabiex | Barra minn hekk, f'ħafna każijiet, kontribuzzjoni effettiva lill-objettivi ta' Ewropa 2020 u l-Unjoni tal-Innovazzjoni u ***l-Effiċjenza fir-Riżorsi*** se tesiġi li jiġu żviluppati soluzzjonijiet li huma interdixxiplinari fin-natura tagħhom u għalhekk jolqtu bosta objettivi speċifiċi tal-Orizzont 2020. Se tingħata attenzjoni partikolari lir-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli. Il-ġens għandu jiġi indirizzat |

| | |
|---|---|
| jirrettifika l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel, u biex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fl-ipprogrammar u kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni. Orizzont 2020 jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jinċentiva tali azzjonijiet trasversali, inkluż permezz ta' raggruppament effiċjenti tal-baġits. Pereżempju, dan jinkludi wkoll il-possibilità għal sfidi tas-soċjetà u teknoloġiji abilitanti u industrijali li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet għal strumenti finanzjarji u l-istrument iddedikat għall-SMEs. | bħala kwistjoni trasversali sabiex jirrettifika l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel, u biex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fl-ipprogrammar u kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni. Orizzont 2020 jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jinċentiva tali azzjonijiet trasversali, inkluż permezz ta' raggruppament effiċjenti tal-baġits. Pereżempju, dan jinkludi wkoll il-possibilità għal sfidi tas-soċjetà u teknoloġiji abilitanti u industrijali li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet għal strumenti finanzjarji u l-istrument iddedikat għall-SMEs. |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Azzjoni trasversali se tkun ukoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin. Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti | Azzjoni trasversali se tkun ukoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin. Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, ***għodod li permezz tagħhom ikun jista' jsir aktar tbassir u aktar rilevanti għall-bniedem għall-ittestjar tas-sigurtà, il-valutazzjoni tar-riskju u r-riċerka dwar is-saħħa,*** il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi |

| | |
|---|---|
| u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati. | differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati. |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Azzjoni trasversali se tkun ukoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin. Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati. | Azzjoni trasversali se tkun ukoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin. Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, ***teknoloġija ġenetika bbażata fuq il-pjanti,*** il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati. |

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Azzjoni trasversali se tkun ukoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin. Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta’ azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati. | Azzjoni trasversali se tkun ukoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin. Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, ***il-ħżin tal-enerġija,*** is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta’ azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati. |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jintlaħaq tkabbir sostenibbli fl-Ewropa, il-kontribuzzjoni tal-atturi pubbliċi u privati għandha tiġi ottimizzata. Dan huwa essenzjali biex tiġi kkonsolidata ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għat-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni ta’ Innovazzjoni, l-Aġenda Diġitali u inizjattivi ewlenin oħrajn tal-Ewropa 2020. Barra minn hekk, riċerka | Sabiex jintlaħaq tkabbir sostenibbli fl-Ewropa, il-kontribuzzjoni tal-atturi pubbliċi u privati għandha tiġi ottimizzata. Dan huwa essenzjali biex tiġi kkonsolidata ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għat-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni ta’ Innovazzjoni, ***ta' Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi,*** l-Aġenda Diġitali u inizjattivi ewlenin oħrajn |

| | |
|---|---|
| u innovazzjoni responsabbli jesiġu li l-aħjar soluzzjonijiet jiġu derivati minn interazzjonijiet bejn *l-imsieħba* li għandhom diversi perspettivi iżda interessi komuni. | tal-Ewropa 2020. Barra minn hekk, riċerka u innovazzjoni responsabbli jesiġu li l-aħjar soluzzjonijiet jiġu derivati minn interazzjonijiet bejn *is-sħab* li għandhom diversi perspettivi iżda interessi komuni. |

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – punt 4 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Aktar sħubijietet pubbliċi pubbliċi u sħubijietet privati pubbliċi jistgħu jiġu *varati* taħt l-inizjattiva Orizzont 2020 meta jissodisfaw kriterji ddefiniti. Dan jista' jinkludi sħubijiet dwar Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni fl-oqsma il-Fotonika u Robotika, dwar l-industriji tal-ipproċessar sostenibbli, dwar l-industriji b'bażi bijoloġika u dwar it-teknoloġiji tas-sigurtà għas-sorveljanza tal-fruntieri marittimi. | Aktar sħubijiet pubbliċi pubbliċi u sħubijiet privati pubbliċi, ***inklużi sħubijiet għall-iżvilupp ta' prodotti,*** jistgħu jiġu *mnedija* taħt l-inizjattiva Orizzont 2020 meta jissodisfaw kriterji ddefiniti. Dan jista' jinkludi sħubijietet dwar Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni fl-oqsma il-Fotonika u Robotika, dwar l-industriji tal-ipproċessar sostenibbli, dwar l-industriji b'bażi bijoloġika***, dwar il-farmaċewtiċi, dwar it-telemediċina u apparat għall-kura fid-djar*** u dwar it-teknoloġiji tas-sigurtà għas-sorveljanza tal-fruntieri marittimi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sħubijiet għall-iżvilupp tal-prodotti jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira speċjalment fil-qasam tal-mard relatat mal-faqar u tal-mard minsi, li jolqot l-aktar lill-popolazzjonijiet tal-pajjiżi li huma ifqar, u għaldaqstant jillimita l-inizjattiva tal-kumpanija farmaċewtiċi innovattivi li jiżviluppaw prodotti innovattivi għal pazjenti b'dan it-tip ta' mard. Orizzont 2020 jista' jagħti kontribut siewi biex jindirizza dan in-nuqqas fis-suq.*

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti I – punt 1.1 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-president tal-ERC u l-membri tal-Kunsill Xjentifiku għandhom iwettqu dmirijiethom fuq il-bażi ta' mandat*** |

| | |
|---|---|
| | ***esklussiv full-time.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li tiġi garantita t-trasparenza u l-indipendenza tal-ERC, huwa xieraq li jiġu speċifikati l-ħtiġijiet għat-twettiq tal-ħidma professjonali.*

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti I – punt 1.3 – paragrafu 1 – inċiż 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – tinforma b'mod regolari l-kumitat tal-programm dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC; | – tinforma b'mod regolari l-kumitat tal-programm***, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC; |

*Ġustifikazzjoni*

*Tingħata garanzija ta' aktar trasparenza u attività ta' monitoraġġ aħjar tal-attivitajiet tal-ERC.*

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti I – punt 2.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-inizjattivi ta' riċerka fi ħdan l-isfida huma mmexxija mix-xjenza, fuq skala kbira, multidixxiplinari u msejsa fuq objettiv viżjonarju li jgħaqqad. Dawn *jindirrizzaw* l-isfidi l-kbar tax-xjenza u teknoloġija li jesiġu kooperazzjoni fost firxa ta' dixxiplini, komunitajiet u programmi. Il-progress xjentifiku għandu jipprovdi bażi soda u wiesgħa għall-innovazzjoni teknoloġika futura u sfruttar ekonomiku, kif ukoll benefiċċji ġodda għas-soċjetà. In-natura u d-daqs ġenerali jimplikaw li jistgħu biss jiġu realizzati permezz ta' sforz unit u sostnut (fl-ordni ta' terminu ta' 10 snin). | L-inizjattivi ta' riċerka fi ħdan l-isfida huma mmexxija mix-xjenza, fuq skala kbira, multidixxiplinari u msejsa fuq objettiv viżjonarju li jgħaqqad. Dawn *jindirizzaw* l-isfidi l-kbar tax-xjenza u teknoloġija li jesiġu kooperazzjoni fost firxa ta' dixxiplini, komunitajiet u programmi ***u spiss bidla fundamentali fl-approċċi ta' riċerka***. Il-progress xjentifiku għandu jipprovdi bażi soda u wiesgħa għall-innovazzjoni teknoloġika futura u sfruttar ekonomiku, kif ukoll benefiċċji ġodda għas-soċjetà. In-natura u d-daqs ġenerali jimplikaw li jistgħu biss jiġu realizzati permezz ta' sforz unit u sostnut |

(fl-ordni ta' terminu ta' 10 snin).

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I - parti II - punt 1 - paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Komponent *ewleni* tat-'Tmexxija fit-Teknoloġiji Abilitanti u Industrijali' huma t-Teknoloġiji Abilitanti Ewlenin (KETs), inklużi l-mikro- u nanoelettronika, il-fotonika, in-nanoteknoloġija, il-bijoteknoloġija, materjali avvanzati ***u*** sistemi avvanzati ta' manifattura. Ħafna prodotti innovattivi jinkorporaw diversi minn dawn *it-teknoloġijai* b'mod simultanju, bħala partijiet uniċi jew integrati. Filwaqt li kull teknoloġija toffri innovazzjoni teknoloġika, l-benefiċċju akkumulat mill-kombinazzjoni ta' għadd ta' teknoloġiji abilitanti jista' wkoll iwassal għall-qabżiet teknoloġiċi. L-isfruttar tat-teknoloġiji abilitanti *ewleninin* trasversali se jsaħħu l-kompetittività u l-impatt tal-prodott. Għaldaqstant, se jiġu sfruttati l-interazzjonijiet numerużi ta' dawn it-teknoloġiji. Se jingħata appoġġ dedikat għal proġetti ta' linja pilota u dimostrazzjoni ta' skala ogħla. | Komponent *ewlieni* tat-'Tmexxija fit-Teknoloġiji Abilitanti u Industrijali' huma t-Teknoloġiji Abilitanti Ewlenin (KETs), inklużi l-mikro- u nanoelettronika, il-fotonika, in-nanoteknoloġija, il-bijoteknoloġija, materjali avvanzati**,** sistemi avvanzati ta' manifattura ***u ekoinnovazzjoni***. Ħafna prodotti innovattivi jinkorporaw diversi minn dawn *it-teknoloġiji* b'mod simultanju, bħala partijiet uniċi jew integrati. Filwaqt li kull teknoloġija toffri innovazzjoni teknoloġika, l-benefiċċju akkumulat mill-kombinazzjoni ta' għadd ta' teknoloġiji abilitanti jista' wkoll iwassal għall-qabżiet teknoloġiċi. L-isfruttar tat-teknoloġiji abilitanti *ewlenin* trasversali se jsaħħu l-kompetittività u l-impatt tal-prodott. Għaldaqstant, se jiġu sfruttati l-interazzjonijiet numerużi ta' dawn it-teknoloġiji. Se jingħata appoġġ dedikat għal proġetti ta' linja pilota u dimostrazzjoni ta' skala ogħla. |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti II – punt 1 – paragrafu 9 – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***l-żvilupp ulterjuri u l-applikazzjoni akbar ta' għodod li jbassru aktar u li jkunu relevanti għall-bniedem għall-ittestjar tas-sikurezza, il-valutazzjoni tar-riskju u r-riċerka dwar is-saħħa;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti II – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettiv huwa li tinżamm u tissaħħaħ it-tmexxija Ewropea fit-teknoloġiji marbuta mal-komponenti u sistemi inkorporati intelliġenti. Dan jinkludi wkoll mikro-nano-bijosistemi, l-elettronika organika, it-teknoloġiji sottostanti l-integrazzjoni għall-Internet tal-Affarijiet (IoT) inklużi pjattaformi bħala appoġġ għall-forniment ta' servizzi avvanzati, sistemi integrati intelliġenti, sistemi ta' sistemi u sistemi kumplessi tal-inġinerija. | L-objettiv huwa li tinżamm u tissaħħaħ it-tmexxija Ewropea fit-teknoloġiji marbuta mal-komponenti u sistemi inkorporati intelliġenti. Dan jinkludi wkoll mikro-nano-bijosistemi, ***għodod bi throughput għoli in vitro, human-on-a-chip, organi virtwali u applikazzjonijiet oħra ta' bijoloġija ta' sistemi komputazzjonali,*** l-elettronika organika, it-teknoloġiji sottostanti l-integrazzjoni għall-Internet tal-Affarijiet (IoT) inklużi pjattaformi bħala appoġġ għall-forniment ta' servizzi avvanzati, sistemi integrati intelliġenti, sistemi ta' sistemi u sistemi kumplessi tal-inġinerija. |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti II – punt 1.3 – subpunt 1.3.5. – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-materjali biex tiżdied l-effiċjenza tal-enerġiji rinnovabbli. L-iżvilupp ta' prodotti u applikazzjonijiet ġodda li jżidu l-effiċjenza tal-enerġiji rinnovabbli bħall-pannelli fotovoltajċi, l-enerġija termali u mix-xemx, u t-turbini li jiġġeneraw l-enerġija mir-riħ.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti II – punt 1.4 – punt 1.4.1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettiv huwa li jiġu mqiegħda s-sisien għall-industrija Ewropea sabiex tkun fuq quddiem fl-innovazzjoni, anke fuq perjodu medju taż-żmien kif ukoll fil-tul. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' għodod emerġenti bħal pereżempju bijoloġija sintetika, bijoinformatika, bijoloġija tas-sistemi u l-isfruttar tal-konverġenza ma' teknoloġiji abilitanti oħra bħan-nanoteknoloġija (pereżempju bijonanoteknoloġija) ***u*** ICT (pereżempju bijoelettronika). Dawn u oqsma mill-aktar avvanzati oħra *jistħoqqhom* il-miżuri xierqa f'termini ta' riċerka u żvilupp sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment u l-implimentazzjoni effettiva f'applikazzjonijiet ġodda (sistemi ta' kunsinna ta' drogi, bijosensuri, bijoċipep, eċċ). | L-objettiv huwa li jiġu mqiegħda s-sisien għall-industrija Ewropea sabiex tkun fuq quddiem fl-innovazzjoni, anke fuq perjodu medju taż-żmien kif ukoll fil-tul. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' għodod emerġenti bħal pereżempju bijoloġija sintetika, bijoinformatika, bijoloġija tas-sistemi u l-isfruttar tal-konverġenza ma' teknoloġiji abilitanti oħra bħan-nanoteknoloġija (pereżempju bijonanoteknoloġija)***,*** ICT (pereżempju bijoelettronika) ***u bijoteknoloġija tal-pjanti u agrikola***. Dawn u oqsma mill-aktar avvanzati oħra *jistħoqqilhom* il-miżuri xierqa f'termini ta' riċerka u żvilupp sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment u l-implimentazzjoni effettiva f'applikazzjonijiet ġodda (sistemi ta' kunsinna ta' drogi, bijosensuri, bijoċipep, ***it-teknoloġija ġenetika bbażata fuq il-pjanti,*** eċċ) ***u għodod bħall-metodi sperimentali u komputazzjonali bbażati fuq il-bijoloġija umana biex jiżguraw li jkun hawn prodotti aktar siguri għall-konsumatur***. |

**Emenda 44**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti II – punt 1.4 – punt 1.4.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettiv huwa maqsum fi tnejn: ***fuq naħa,*** li l-industrija Ewropea (pereżempju kimika, saħħa, tħaffir, enerġija, polpa u karta, tessuti, lamtu, ***ipproċessar*** tal-ikel) tkun tista' tiżviluppa prodotti u proċessi ġodda li jissodisfaw *id-domanda* industrijali u tas-soċjetà; u alternattivi bbażati fuq il-bijoteknoloġija li huma kompetittivi u msaħħa sabiex jissostitwixxu dawk stabbiliti; ***min-naħa l-oħra,*** jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bijoteknoloġija għall-kxif, monitoraġġ, l- | L-objettiv huwa maqsum fi tnejn: li l-industrija Ewropea (pereżempju kimika, saħħa, tħaffir, enerġija, polpa u karta, tessuti, lamtu, ***il-produzzjoni tal-għelejjel u l-ipproċessar*** tal-ikel) tkun tista' tiżviluppa prodotti u proċessi ġodda li jissodisfaw *id-domandi* ***agrikoli, tas-sajd,*** industrijali u tas-soċjetà; u alternattivi bbażati fuq il-bijoteknoloġija li huma kompetittivi u msaħħa sabiex jissostitwixxu dawk stabbiliti; ***barra minn hekk, li*** jiġi sfruttat il-potenzjal tal- |

prevenzjoni u t-tneħħija tat-tniġġis. Dan jinkludi r-Riċerka u l-Innovazzjoni fuq il-perkorsi enżimatiċi u metaboliċi, disinn tal-bijoproċessi, fermentazzjoni avvanzata, l-ipproċessar upstream u downstream, kisba tal-għarfien dwar id-dinamika tal-komunitajiet mikrobjali. Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' prototipi għall-valutazzjoni tal-fattibilità teknoekonomika tal-prodotti u proċessi żviluppati.

bijoteknoloġija għall-kxif, monitoraġġ, l-prevenzjoni u t-tneħħija tat-tniġġis. Dan jinkludi r-Riċerka u l-Innovazzjoni fuq il-perkorsi enżimatiċi u metaboliċi, disinn tal-bijoproċessi, fermentazzjoni avvanzata, l-ipproċessar upstream u downstream, kisba tal-għarfien dwar id-dinamika tal-komunitajiet mikrobjali. Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' prototipi għall-valutazzjoni tal-fattibilità teknoekonomika tal-prodotti u proċessi żviluppati.

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li tiżdied il-bijoteknoloġija fil-produzzjoni tal-għelejjel, kif ukoll għall-agrikoltura u l-akklwakultura*

**Emenda 45**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti II – punt 1.4 – punt 1.4.3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-objettiv huwa li jiġu żviluppati teknoloġiji tal-pjattaforma (pereżempju ġenomika, metaġenomika, proteomatika, għodod molekolari) li jwasslu għal tmexxija u vantaġġ kompetittiv f'għadd wiesa' ta' setturi ekonomiċi. Dan jinkludi aspetti, bħas-sostenn tal-iżvilupp ta' bijoriżorsi bi proprjetajiet ottimizzati u applikazzjonijiet lil hinn mill-alternattivi konvenzjonali; li jippermettu l-esplorazzjoni, fehim u sfruttar b'mod sostenibbli tal-bijodiversità terrestri u marina għall-applikazzjonijiet ġodda; u s-sostenn tal-iżvilpp ta' soluzzjonijiet ta' kura tas-saħħa bbażati fuq il-bijoteknoloġija (pereżempju apparat ***dijanjostiku,*** bijoloġiku u bijomediku).

*Emenda*

L-objettiv huwa li jiġu żviluppati teknoloġiji tal-pjattaforma (pereżempju ***bijoloġija tas-sistemi,*** ġenomika, metaġenomika, proteomatika, ***fenomika,*** għodod molekolari) li jwasslu għal tmexxija u vantaġġ kompetittiv f'għadd wiesa' ta' setturi ekonomiċi. Dan jinkludi aspetti, bħas-sostenn tal-iżvilupp ta' bijoriżorsi bi proprjetajiet ottimizzati u applikazzjonijiet lil hinn mill-alternattivi konvenzjonali; li jippermettu l-esplorazzjoni, fehim u sfruttar b'mod sostenibbli tal-bijodiversità terrestri u marina għall-applikazzjonijiet ġodda; u s-sostenn tal-iżvilpp ta' soluzzjonijiet ta' kura tas-saħħa bbażati fuq il-bijoteknoloġija (pereżempju ***dijanjostika farmaċewtika,*** apparat bijoloġiku u bijomediku, ***pjanti u annimali aktar b'saħħithom għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa***). ***Se jingħata appoġġ ta' prijorità lil metodi dijanjostiċi ġodda fejn tkun teżisti jew aktarx tkun se tiġi żviluppata***

| | |
|---|---|
| | ***prevenzjoni jew dijanjożi għall-pazjent ikkonċernat.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti II – punt 1.5 – punt 1.5.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żieda tal-kompetittività tal-industriji ta' pproċessar, bħall-kimika, polpa u karta, ħġieġ, jew metalli mhux tal-ħadid u azzar billi jittejbu drastikament *l-effiċjenzi* ta' riżorsi u enerġija u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali ta' tali attivitajiet industrijali. L-attenzjoni se tkun fuq l-iżvilupp, u l-validazzjoni ta' teknoloġiji abilitanti għas-sustanzi innovattivi, materjali u soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-prodotti b'livell baxx ta' karbonju u proċessi u servizzi li huma inqas intensivi fl-enerġija matul il-katina ta' valur, kif ukoll l-adozzjoni ta' teknoloġiji u tekniki ta' produzzjoni b'livell baxx immens ta' emissjonijiet ta' karbonju sabiex jinkiseb tnaqqis fl-intensità tal-emissjoni GHG speċifika. | Iż-żieda tal-kompetittività tal-industriji ta' pproċessar, bħall-kimika, polpa u karta, ***tal-kostruzzjoni,*** ħġieġ, jew metalli mhux tal-ħadid u azzar billi jittejbu drastikament***, bi spejjeż raġonevoli,*** *l-effiċjenza* ta' riżorsi u enerġija u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali ta' tali attivitajiet industrijali. L-attenzjoni se tkun fuq l-iżvilupp, u l-validazzjoni ta' teknoloġiji abilitanti għas-sustanzi innovattivi, materjali u soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-prodotti b'livell baxx ta' karbonju u proċessi u servizzi li huma inqas intensivi fl-enerġija matul il-katina ta' valur, kif ukoll l-adozzjoni ta' teknoloġiji u tekniki ta' produzzjoni b'livell baxx immens ta' emissjonijiet ta' karbonju sabiex jinkiseb tnaqqis fl-intensità tal-emissjoni GHG speċifika. |

**Emenda 47**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti II – punt 1.5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1.5a. Ekoinnovazzjoni***<br>***1.5.1. Objettiv speċifiku għall-ekoinnovazzjoni***<br>***L-objettiv speċifiku tal-ekoinnovazzjoni huwa li titrawwem komunità innovattiva tal-innovazzjoni u l-industrija Ewropea li toħloq b'mod immirat prodotti, proċessi u servizzi ġodda li jirriżultaw fi tkabbir ekoloġiku u benefiċċji ambjentali, u li hija*** |

***rikonoxxuta bħala mexxejja dinjija. L-għan huwa li tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi, jitnaqqsu l-impatti ambjentali, jiġi evitat it-tniġġis (tal-ilma) u / jew jinkiseb użu aktar effiċjenti, effettiv u responsabbli tar-riżorsi naturali.***

***1.5.2. Raġunament u valur miżjud għall-Unjoni***

***It-tmexxija industrijali fl-ekoinnovazzjoni se twassal għal prestazzjoni u reżistenza ambjentali mtejba madwar l-ekonomija minħabba li fl-istess ħin hija kosteffiċjenti u tajba għan-negozju u s-soċjetà, minn ċittadini rurali sa urbani, fl-intier tagħha. Is-suq globali (2020) għall-ekoindustriji qiegħed jikber b'ritmu mgħaġġel u dan is-settur kummerċjali tal-UE diġà qed jikber b'mod rapidu: L-ekoindustriji tal-UE huma spiss mexxejja globali. Jeħtieġ li Orizzont 2020 jibni fuq dan. L-innovazzjoni ekoloġija jeħtieġ li tidħol fis-setturi kollha tal-ekonomija u s-soċjetà, u b'hekk tipprovdi l-bażi għal vantaġġ kompetittiv sinifikanti sabiex l-Ewropa tiffaċċja l-isfida tas-sostenibbiltà. Għalhekk, l-innovazzjoni ekoloġika hija teknoloġija ewlenija abilitanti.***

***L-industriji ekoloġiċi huma mmarkati mill-preżenza ta' għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Dawn il-kumpaniji huma responsabbli għal madwar nofs l-impjiegi totali. Għaldaqstant, l-SMEs bi sħubiija ma' sħab akbar fl-industrija jrid ikollhom rwol dejjem ikbar fl-innovazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda u fl-implimentazzjoni tagħhom.***

***Sorsi ewlenin ta' innovazzjonijiet jinsabu fin-nofs bejn l-ekoinnovazzjoni u t-teknoloġiji l-oħra ta' appoġġ, fosthom l-ICT (monitoraġġ u l-qari permezz ta' sensuri) u n-nanoteknoloġiji.***

***1.5.3. Linji ġenerali tal-attivitajiet***

***L-ekoinnovazzjoni hija kwalunkwe forma ta' innovazzjoni li tirriżulta jew timmira***

***lejn il-progress sinifikanti u li jista' jintwera lejn l-għan tal-iżvilupp sostenibbli, permezz tat-tnaqqis fl-impatti fuq l-ambjent, it-titjib fir-reżistenza għal pressjonijiet ambjentali, jew il-kisba ta' użu aktar effiċjenti u responsabbli ta' riżorsi naturali.***

***Attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni jiffokaw fuq l-innovazzjonijiet sostenibbli fl-oqsma li ġejjin u bejnhom:***

***a) Il-provvista tal-enerġija ekoloġika***

***b) L-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija***

***c) L-Effiċjenza fl-Użu tal-Materjali***

***d) Il-Mobilità "ħadra"***

***e) L-Ilma***

***f) L-Iskart***

**Emenda 48**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-promozzjoni *effettivai* tas-saħħa, appoġġata minn bażi robusta ta' evidenza, tevita l-mard, ittejjeb il-benessri u hija kosteffettiva. Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard ukoll jiddependu fuq fehim ta' determinanti tas-saħħa, fuq għodod effettivi ta' prevenzjoni, bħal vaċċini, fuq sorveljanza tas-saħħa u tal-mard u prontezza effettiva, kif ukoll fuq programmi effettivi ta' skrinjar. | Il-promozzjoni *effettiva* tas-saħħa, appoġġata minn bażi robusta ta' evidenza, tevita l-mard, ittejjeb il-benessri***, tnaqqas l-esklużjoni soċjali*** u hija kosteffettiva. Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard ukoll jiddependu fuq fehim ta' determinanti tas-saħħa ***fuq livell molekulari***, fuq għodod effettivi ta' prevenzjoni ***bbażati fuq ir-riċerka dwar prevenzjoni primarja u sekondarja,*** bħal vaċċini ***u interventi fuq l-imġiba li jindirizzaw il-fatturi ta' riskju, inkluża l-obeżità,*** fuq sorveljanza tas-saħħa u tal-mard u prontezza effettiva, kif ukoll fuq programmi effettivi ta' skrinjar. |

**Emenda 49**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-isforzi b'suċċess għall-prevenzjoni, ġestjoni, trattament u kura tal-mard, diżabilità u funzjonalità mnaqqsa huma sostnuti mill-fehim fundamentali tal-kawżi, proċessi u impatti tagħhom, kif ukoll fatturi sottostanti għas-saħħa u l-benessri. ***It-tqassim*** effettiv tad-dejta u r-rabta ta' din id-dejta mal-istudji ta' koorti ta' skala kbira tad-dinja reali huwa wkoll essenzjali, kif inhi t-traduzzjoni tar-riżultati tar-riċerka fil-klinika, b'mod partikolari mill-imġiba tal-provi kliniċi. | L-isforzi b'suċċess għall-prevenzjoni, ***dijanjosi,*** ġestjoni, trattament u kura tal-mard, diżabilità u funzjonalità mnaqqsa huma sostnuti mill-fehim fundamentali tal-kawżi, proċessi ***(eż. perkorsi molekulari)*** u impatti tagħhom, kif ukoll fatturi sottostanti għas-saħħa u l-benessri. ***Il-ġbir u tqassim*** effettiv tad-dejta***, l-ipproċessar standard tad-dejta*** u r-rabta ta' din id-dejta mal-istudji ta' koorti ta' skala kbira tad-dinja reali huwa wkoll essenzjali, kif inhi t-traduzzjoni ***f'waqtha*** tar-riżultati tar-riċerka fil-klinika, b'mod partikolari mill-imġiba tal-provi kliniċi ***u permezz ta' appoġġ għar-riċerka medika li tiffoka fuq il-fażi ta' wara d-dijanjosi tal-marda u għar-riċerka traslazzjonali***. |

**Emenda 50**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Lakuni fir-riċerka fil-qasam ta' mard infettiv, relatat mal-faqar u l-mard minsi għandhom ikunu indirizzati permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mmexxija mill-bżonnijiet tal-pazjenti. Permezz tal-appoġġ għal sħubijiet globali innovattivi għall-iżvilupp ta' għodda ta' prevenzjoni, dijanjosi, trattament u telemediċina, ix-xjenza eċċellenti tista' tkun aċċellerata, u l-Unjoni tista' tirrispetta l-obbligi globali tagħha.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Piżi* dejjem *akbar mill-mard* u *diżabilità* fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ *tpoġġi iktar piż* fuq is-setturi tas-saħħa u l-kura. Jekk għandha tinżamm saħħa u kura effettiva għall-etajiet kollha, se jkunu meħtieġa sforzi sabiex ***jittejjeb*** it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-forniment ta' prevenzjoni u trattament, sabiex tiġi identifikata u appoġġata d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki fis-settur tal-kura tas-saħħa, u sabiex tiġi appoġġata l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi u soċjali li jagħtu s-saħħa lill-persuni akbar fl-età li jibqgħu attivi u indipendenti. Jekk dan isir, ikun *se* jikkontribwixxi għaż-żieda fit-tul ta' żmien tal-perjodu tal-benessri fiżiku, soċjali u mentali. | *Il-piż* dejjem *jikber tal-mard* u *tad-diżabilità* fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ *ipoġġi pressjoni ulterjuri* fuq is-setturi tas-saħħa u l-kura. Jekk għandha tinżamm saħħa u kura effettiva għall-etajiet kollha, se jkunu meħtieġa sforzi sabiex ***jitħaffef*** it-teħid ta' deċiżjonijiet ***u s-sensibilizzazzjoni*** fil-forniment ta' prevenzjoni u trattament ***ta' mard***, sabiex tiġi identifikata u appoġġata d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki fis-settur tal-kura tas-saħħa, u sabiex tiġi appoġġata l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi u soċjali li jagħtu s-saħħa lill-persuni akbar fl-età li jibqgħu attivi u indipendenti. Jekk dan isir, ikun jikkontribwixxi għaż-żieda fit-tul ta' żmien tal-perjodu tal-benessri fiżiku, soċjali u mentali. |

**Emenda 52**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Piżi* dejjem *akbar mill-mard* u *diżabilità* fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ *tpoġġi iktar piż* fuq is-setturi tas-saħħa u l-kura. Jekk għandha tinżamm saħħa u kura effettiva għall-etajiet kollha, se jkunu meħtieġa sforzi sabiex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-forniment ta' prevenzjoni u trattament, sabiex tiġi identifikata u appoġġata d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki fis-settur tal-kura tas-saħħa, u sabiex tiġi appoġġata l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi u soċjali li jagħtu s-saħħa | *Il-piż* dejjem *jikber tal-mard* u *tad-diżabilità* fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ *ipoġġi pressjoni ulterjuri* fuq is-setturi tas-saħħa u l-kura. Jekk għandha tinżamm saħħa u kura effettiva għall-etajiet kollha, se jkunu meħtieġa sforzi sabiex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-forniment ta' prevenzjoni u trattament, sabiex tiġi identifikata u appoġġata d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki fis-settur tal-kura tas-saħħa, u sabiex tiġi appoġġata l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi |

| | |
|---|---|
| lill-persuni akbar fl-età li jibqgħu attivi u indipendenti. Jekk dan isir, ikun se jikkontribwixxi għaż-żieda fit-tul ta' żmien tal-perjodu tal-benessri fiżiku, soċjali u mentali. | u soċjali li jagħtu s-saħħa lill-persuni akbar fl-età li jibqgħu attivi u indipendenti. Jekk dan isir, ikun se jikkontribwixxi għaż-żieda fit-tul ta' żmien tal-perjodu tal-benessri fiżiku, soċjali***, ekonomiku*** u mentali. |

**Emenda 53**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fehim aħjar tad-determinanti tas-saħħa huwa meħtieġ sabiex tiġi provduta l-evidenza għall-promozzjoni effettiva tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard, u se jippermetti ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi komprensivi tas-saħħa u benessri ġewwa l-Unjoni. Se jiġu studjati fatturi ambjentali, komportamentali u ġenetiċi, fis-sensi l-iktar wiesgħa tagħhom. L-approċċi se jinkludu studju fit-tul tal-koorti u tar-rabta tagħhom mad-dejta migbura mir-riċerka "-omika", u metodi oħrajn. | Fehim aħjar tad-determinanti tas-saħħa huwa meħtieġ sabiex tiġi provduta l-evidenza għall-promozzjoni effettiva tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard, u se jippermetti ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi komprensivi tas-saħħa u benessri ġewwa l-Unjoni ***u madwar id-dinja***. Se jiġu studjati fatturi ***ta' riskju*** ambjentali, ***relatati mat-tibdil fil-klima,*** komportamentali *(inkluż l-istil ta' ħajja), soċjoekonomiċi* ***(inkluż okkupazzjonali)*** u genetiċi, fis-sensi l-iktar wiesgħa tagħhom***, flimkien mal-impatt fuq perjodu ta' żmien qasir u twil tal-interventi tas-saħħa pubblika relatati***. L-approċċi se jinkludu studju fit-tul tal-koorti u tar-rabta tagħhom mad-dejta migbura mir-riċerka "-omika", u metodi oħrajn. |

**Emenda 54**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'mod partikolari, fehim aħjar tal-ambjent bħala determinant tas-saħħa se *jesiġi* approċċi *bijoliġiċi* molekulari, *epidemjoloġiċi* u *tossikoloġiċi integrati* sabiex jiġu investigati r-relazzjonijiet bejn is-saħħa u l-ambjent***, inklużi*** l-istudji ta' | B'mod partikolari, fehim aħjar tal-ambjent bħala determinant tas-saħħa ***matul l-istadji tal-ħajja mit-tqala u t-tfulija sax-xjuħija*** se *jkun jeħtieġ* approċċi *integrati li jinkludu l-bijoloġija* molekulari, ***il-valutazzjoni tal-esponiment għar-riskju****, l-* |

modalitajiet ta' azzjoni ta' kimiki, *esponiment kkombinat* għat-tniġġis u fatturi oħra li jagħmlu pressjoni fuq l-ambjent u l-klima, *ittestjar* tossikoloġiku integrat kif ukoll alternattivi *għat-testjar* tal-annimali. Approċċi innovattivi għall-valutazzjoni tal-esponiment huma meħtieġa bl-użu ta' bijomarkaturi tal-ġenerazzjoni ġdida bbażata fuq l-'omika' u l-epiġenetika, bijomonitoraġġ uman, valutazzjonijiet tal-esponiment personali u mmudellar għall-fehim ta' esponimenti kkombinati, kumulattivi u emerġenti, li jintegraw il-fatturi soċjoekonomiċi u komportamentali. Rabtiet imtejba mad-dejta ambjentali bl-użu tas-sistemi tal-informazzjoni avvanzati se jkunu appoġġati.

*epidemjoloġija* u *t-tossikoloġija* sabiex jiġu investigati r-relazzjonijiet bejn is-saħħa u l-ambjent. ***Dan jinkludi*** l-istudji ta' modalitajiet ta' azzjoni ta' kimiki, ***b'enfasi partikulari fuq is-sustanzi li għandhom effetti endokrinali avversi li jintużaw fil-prodotti tal-ikel u f'prodotti oħrajn għall-konsumaturi,*** *l-esponiment ikkombinat* għat-tniġġis u fatturi oħra li jagħmlu pressjoni fuq l-ambjent u l-klima ***(bħat-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, l-istorbju, it-temperatura, it-tniġġis tad-dawl)***, *l-ittestjar* tossikoloġiku integrat kif ukoll alternattivi *għall-ittestjar* tal-annimali. Approċċi innovattivi għall-valutazzjoni tal-esponiment huma meħtieġa bl-użu ta' bijomarkaturi tal-ġenerazzjoni ġdida bbażata fuq l-'omika' u l-epiġenetika, bijomonitoraġġ uman, valutazzjonijiet tal-esponiment personali u mmudellar għall-fehim ta' esponimenti kkombinati, kumulattivi u emerġenti, li jintegraw il-fatturi soċjoekonomiċi u komportamentali. Rabtiet imtejba mad-dejta ambjentali bl-użu tas-sistemi tal-informazzjoni avvanzati se jkunu appoġġati. ***Għandhom jiġu żviluppati indikaturi tas-saħħa ambjentali li jikkumplimentaw indikaturi oħrajn.***

**Emenda 55**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'dan il-mod, il-politiki u programmi eżistenti u ppjanati jistgħu jiġu vvalutati u jiġi pprovdut l-appoġġ għall-politika. Bl-istess mod, jistgħu jiġu żviluppati interventi komportamentali mtejba, programmi ta' prevenzjoni u edukattivi, inklużi dawk li jappartjenu għal-litteriżmu tas-saħħa fin-nutrizzjoni, vaċċinazzjoni u interventi tal-kura primarja oħrajn. | B'dan il-mod, il-politiki u programmi eżistenti u ppjanati jistgħu jiġu vvalutati u jiġi pprovdut l-appoġġ għall-politika. Bl-istess mod, jistgħu jiġu żviluppati interventi komportamentali mtejba, programmi ta' prevenzjoni u edukattivi, inklużi dawk li jappartjenu għal-litteriżmu tas-saħħa***, b'mod partikolari*** fin-nutrizzjoni, vaċċinazzjoni u interventi tal-kura primarja oħrajn. ***Bl-istess mod, l-*** |

***approċċ tas-saħħa fil-politiki kollha (bħal dawk li jindirizzaw l-ambjent u l-post tax-xogħol) jista' jiġi żviluppat sabiex inaqqas kemm jista' jkun il-fatturi ta' riskju.***

**Emenda 56**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-iżvilupp tal-programmi ta' skrinjar jiddependi fuq l-identifikazzjoni ta' bijomarkaturi bikrija ta' riskji u tfaċċar ta' mard, u *l-iskjerament* tagħhom jiddependi fuq l-ittestjar u l-validazzjoni tal-metodi u programmi ta' skrinjar. *Identifikazzjoni* ta' individwi u popolazzjonijiet f'riskju għoli ta' mard se twassal għal strateġiji personalizzati, stratifikati u kollettivi biex *jiġu żviluppati* prevenzjoni għall-mard effettiva u kosteffettiva. | L-iżvilupp tal-programmi ta' skrinjar jiddependi ***mhux biss*** fuq l-identifikazzjoni ta' bijomarkaturi bikrija ta' riskji ***iżda wkoll fuq proċessi ewlenin u** ta'* tfaċċar ta' mard, u *l-użu* tagħhom jiddependi fuq l-ittestjar u l-validazzjoni tal-metodi u programmi ta' skrinjar. *L-identifikazzjoni* ta' individwi u popolazzjonijiet f'riskju għoli ta' mard se twassal għal strateġiji personalizzati, stratifikati u kollettivi biex *tiġi żviluppata* prevenzjoni għall-mard effettiva u kosteffettiva. ***F'dan ir-rigward, tingħata prijorità lil programmi ta' skrinjar fejn il-prevenzjoni jew it-terapija għall-pazjent konċernat tkun disponibbli jew x'aktarx li tiġi żviluppata.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Programmi ta' skrinjar mingħajr konsegwenzi terapewtiċi jew preventivi mhumiex soluzzjoni, iżda joħolqu iżjed problemi, bħal pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta.*

**Emenda 57**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-popolazzjonijiet umani huma taħt theddida minn infezzjonijiet ġodda u emerġenti (inklużi dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima), minn reżistenza *għad-droga* għal patoġeni eżistenti u minn | Il-popolazzjonijiet umani huma taħt theddida minn infezzjonijiet ġodda u emerġenti (inklużi dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima), minn reżistenza *għall-mediċini* għal patoġeni eżistenti u minn |

| | |
|---|---|
| konsegwenzi oħra diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima. Il-metodi mtejba għas-sorveljanza, netwerks ta' twissija bikrija, organizzazzjoni tas-servizz tas-saħħa u kampanji ta' prontezza huma meħtieġa għall-immudellar tal-epidemiċi, għar-reazzjoni effettiva għall-pandemiċi, għar-rispons għall-konsegwenzi tal-mard mhux infettiv tat-tibdil fil-klima, kif inhuma l-isforzi sabiex jinżammu u jissaħħu l-kapaċitajiet sabiex jiġġieldu l-mard infettiv li huwa reżistenti *għad-droga*. | konsegwenzi oħra diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima. Il-metodi mtejba għas-sorveljanza, ***inkluża s-sorveljanza tar-reżistenza għall-mediċini kemm fil-qasam tal-mediċina umana kif ukoll veterinarja,*** netwerks ta' twissija bikrija, organizzazzjoni tas-servizz tas-saħħa u kampanji ta' prontezza huma meħtieġa għall-immudellar tal-epidemiċi, għar-reazzjoni effettiva għall-pandemiċi, għar-rispons għall-konsegwenzi tal-mard mhux infettiv tat-tibdil fil-klima, kif inhuma l-isforzi sabiex jinżammu u jissaħħu l-kapaċitajiet sabiex jiġġieldu l-mard infettiv li huwa reżistenti *għall-mediċini*. |

**Emenda 58**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Hemm bżonn ta' fehim imtejjeb tas-saħħa u mard, fin-nies ta' kwalunkwe età, sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati il-miżuri ta' prevenzjoni, dijanjosi u trattamenti ġodda u aħjar. Ir-riċerka interdixxplinarja u ta' traduzzjoni dwar il-patofiżjoloġija tal-mard hija essenzjali sabiex jitjieb il-fehim tal-aspetti kollha tal-proċessi tal-mard, inkluża r-riklassifikazzjoni tal-varjazzjoni normali u *mard ibbażat fuq* dejta molekulari, u sabiex tikkonvalida u tuża r-riżultati tar-riċerka fl-appikazzjonijiet kliniċi. | Hemm bżonn ta' fehim imtejjeb tas-saħħa u mard, fin-nies ta' kwalunkwe età, sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati il-miżuri ta' prevenzjoni, dijanjosi u trattamenti ġodda u aħjar. Ir-riċerka interdixxplinarja u ta' traduzzjoni dwar il-patofiżjoloġija tal-mard ***bl-użu ta' għodda u approċċi bbażati fuq il-bijoloġija umana*** hija essenzjali sabiex jitjieb il-fehim tal-aspetti kollha tal-proċessi tal-mard, inkluża r-riklassifikazzjoni tal-varjazzjoni normali u *tal-mard abbażi ta'* dejta molekulari, u sabiex tikkonvalida u tuża r-riżultati tar-riċerka fl-appikazzjonijiet kliniċi. ***Il-proġetti ta' riċerka traslazzjonali li għandhom l-għan li japplikaw ir-riżultati tal-laboratorji b'aktar ħeffa u effiċjenza fil-prattika medika għandhom jingħataw appoġġ partikolari, speċjalment f'dawk l-oqsma fejn hemm ħtieġa qawwija u li għadha ma ġietx issodisfata bħal fil-każ tal-ematoloġija/onkoloġija, il-mard rari u r-reżistenza antimikrobali.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-riċerka relatata se tinkludi u tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u approċċi ġodda għall-ġenerazzjoni ta' dejta bijomedika u tinkludi l"-omika", approċċi mediċinali ta' fluss għoli u abbażi tas-sistemi. Dawn l-attivitajiet se jesiġu rabta mill-qrib bejn ir-riċerka fundamentali u klinika u studji ta' koorti fit-tul (u l-isferi ta' riċerka korrispondenti) kif deskritt hawn fuq. Rabtiet mill-qrib mal-infrastrutturi ta' riċerka u dawk mediċinali (bażijiet tad-dejta, bijobanek, eċċ) se jkunu wkoll meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ħżin, tqassim u aċċess għad-dejta, li huma kollha essenzjali għall-imassimizzar tal-utilità tad-dejta għall-istimular ta' iktar modi innovattivi u effettivi ta' analizzar u kkombinar ta' settijiet tad-dejta. | Ir-riċerka relatata se tinkludi u tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u approċċi ġodda għall-ġenerazzjoni ta' dejta bijomedika u tinkludi l"-omika" ***bbażata fuq il-bijoloġija umana***, approċċi mediċinali ta' fluss għoli u abbażi tas-sistemi. Dawn l-attivitajiet se jesiġu rabta mill-qrib bejn ir-riċerka fundamentali u klinika u studji ta' koorti fit-tul (u l-isferi ta' riċerka korrispondenti) kif deskritt hawn fuq. Rabtiet mill-qrib mal-infrastrutturi ta' riċerka u dawk mediċinali (bażijiet tad-dejta, bijobanek, eċċ) se jkunu wkoll meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ħżin, tqassim u aċċess ***liberu*** għad-dejta ***mhux ipproċessata,*** li huma kollha essenzjali għall-imassimizzar tal-utilità tad-dejta għall-istimular ta' iktar modi innovattivi u effettivi ta' analizzar u kkombinar ta' settijiet tad-dejta. |

**Emenda 60**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 1.5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1.5. Żvilupp ta' ***vaċċini*** preventivi aħjar | 1.5. Żvilupp ta' ***strumenti*** preventivi aħjar |
| Hemm bżonn ta' *iktar* vaċċini preventivi li *huma* effettivi ***(jew interventi preventivi alternattivi)*** u skemi ta' vaċċinazzjoni bbażati fuq l-evidenza għall-firxa estiża ta' mard. *Din tiddependi* fuq fehim aħjar tal-mard u proċessi tal-mard u *l-epidemiċi* konsegwenti tagħhom, u ***li jsiru l-provi*** kliniċi u studji assoċjati. | Hemm bżonn ***li jiġu appoġġjat l-iżvilupp*** ta' vaċċini preventivi li *jkunu aktar* effettivi u skemi ta' vaċċinazzjoni bbażati fuq l-evidenza għall-firxa estiża ta' mard***, inkluż mard relatat mal-faqar bħall-HIV/AIDS, it-tuberkulożi, il-malarja u l-mard minsi. Bl-istess mod, l-għarfien tal-fatturi ewlenin tar-riskju tal-mard, kif ukoll ix-xjenza komportamentali, jistgħu jintużaw*** |

***biex jitfasslu strateġiji effettivi ta' prevenzjoni li jindirizzaw dawn il-fatturi ta' riskju u li għanhom l-għan li jippromwovu stili ta' ħajja li jkunu tajbin għas-saħħa. Dan għandu potenzjal qawwi biex inaqqas il-piż tal-mard kroniku.*** *Dan jiddependi* fuq fehim aħjar tal-mard u proċessi tal-mard u *l-epidemiji* konsegwenti tagħhom, u ***fuq provi*** kliniċi u studji assoċjati.

*Ġustifikazzjoni*

*L-iżvilupp ta' vaċċini preventivi effettivi għall-mard relatat mal-faqar, inkluża l-HIV/AIDS, huma s-soluzzjoni l-aktar kost-effettiva biex jiġi miġġieled dan il-mard, billi l-ispiża tal-vaċċini lis-sistemi tal-kura tas-saħħa hija anqas mill-ispiża tat-trattament kontinwu. Ir-riċerka f'dan il-qasam se jkollha benefiċċji kbar kemm għall-UE u għall-popolazzjoni tad-dinja kollha milquta minn dan il-mard, u għaldaqstant għandha titħeġġeġ.*

**Emenda 61**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 1.6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Fehim aħjar tas-saħħa, mard u proċessi tal-mard fi kwalunkwe età huwa meħtieġ sabiex jiġu żviluppati dijanjostiċi ġodda u iktar effettivi. It-teknoloġiji innovattivi u ezistenti se jiġu żviluppati bil-għan li jittejbu b'mod sinifikanti r-riżultati tal-mard permezz ta' dijanjosi iktar bikrija u preċiża u billi jippermettu iktar trattament adattat għall-pazjent. | Fehim aħjar tas-saħħa, mard u proċessi tal-mard fi kwalunkwe età huwa meħtieġ sabiex jiġu żviluppati dijanjostiċi ġodda u iktar effettivi. It-teknoloġiji innovattivi u ezistenti se jiġu żviluppati bil-għan li jittejbu b'mod sinifikanti r-riżultati tal-mard permezz ta' dijanjosi iktar bikrija u preċiża u billi jippermettu iktar trattament adattat għall-pazjent. ***Għal dan il-għan, se jingħata appoġġ, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp ulterjuri tal-immaġni mediċi. Se tiġi wkoll indirizzata l-protezzjoni tal-pazjenti mir-radjazzjoni.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 1.8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1.8. ***Trattament*** tal-mard | 1.8. ***Titjib fit-trattament*** tal-mard |
| Hemm bżonn li jiġi appoġġat it-titjib tat-teknoloġiji trasversali ta' appoġġ *għad-drogi*, vaċċini u approċċi terapewtiċi oħra, inkluż it-trapjant, terapija tal-ġene u ċelloli; sabiex jiżdied is-suċċess fil-proċess ta' żvilupp ta' *drogi* u vaċċini (inklużi metodi alternattivi li jissostitwixxu l-ittestjar klassiku tas-sikurezza u l-effettività, pereżempju l-iżvilupp ta' metodi ġodda); biex jiġu żviluppati approċċi ta' mediċina riġenerattiva, inklużi l-approċċi bbażati fuq iċ-ċelloli staminali; biex jiġu żviluppati apparat u sistemi mediċinali u assistivi; biex tinżamm u tiġi msaħħa l-ħila tagħna li niġġieldu l-mard komunikabbli, rari, maġġuri u kroniku u jsiru interventi mediċi li jiddependu fuq id-disponibbilità ta' *drogi* antimikrobjali effettivi; u biex jiġu żviluppati approċċi komprensivi li jittrattaw komorbożitajiet fl-etajiet kollha u tiġi evitata l-polifarmaċija; Dan it-titjib se jiffaċilita l-iżvilupp ta' trattamenti ġodda, iktar effiċjenti, effettivi u sostenibbli għall-mard u għall-ġestjoni tad-diżabilità. | Hemm bżonn li jiġi appoġġat it-titjib tat-teknoloġiji trasversali ta' appoġġ *għall-mediċini*, vaċċini u approċċi terapewtiċi oħra, inkluż it-trapjant, terapija tal-ġene u ċelloli; sabiex jiżdied is-suċċess fil-proċess ta' żvilupp ta' *mediċini* u vaċċini (inklużi metodi alternattivi li jissostitwixxu l-ittestjar klassiku tas-sikurezza u l-effettività, pereżempju l-iżvilupp ta' metodi ġodda); biex jiġu żviluppati approċċi ta' mediċina riġenerattiva, inklużi l-approċċi bbażati fuq iċ-ċelloli staminali; ***biex jiġu żviluppati mediċina stratifikata u personalizzata sabiex it-trattamenti jsiru aktar effettivi u aktar ekonomiċi, kif ukoll sabiex tiġi żgurata d-disponibilità tal-mediċini u tat-terapiji għall-akbar għadd ta' mard possibbli***; ***biex tittejjeb is-saħħa riproduttiva billi jiġu indirizzati l-kawżi tal-infertilità u billi jiġu żviluppati strumenti favur il-kontraċezzjoni maskili,*** biex jiġu żviluppati apparat u sistemi mediċinali u assistivi; ***biex jitjiebu t-terapiji paljattivi;*** biex tinżamm u tiġi msaħħa l-ħila tagħna li niġġieldu l-mard komunikabbli, rari, ***relatat mal-faqar, minsi,*** maġġuri u kroniku u jsiru interventi mediċi li jiddependu fuq id-disponibbilità ta' *mediċini* antimikrobjali effettivi; u biex jiġu żviluppati approċċi komprensivi li jittrattaw komorbożitajiet fl-etajiet kollha u tiġi evitata l-polifarmaċija; Dan it-titjib se jiffaċilita l-iżvilupp ta' trattamenti ġodda, iktar effiċjenti, effettivi u sostenibbli għall-mard u għall-ġestjoni tad-diżabilità. ***Barra minn hekk, il-fatturi li jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet terapewtiċi għandhom jiġu identifikati u ċċarati u żviluppati aktar permezz tar-riċerka.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-provi kliniċi huma l-mezz li permezz tagħhom isir it-trasferiment tal-għarfien bijomediku għal applikazzjoni fil-pazjenti u se jiġi pprovdut l-appoġġ għal dawn, kif ukoll għat-titjib tal-prattika tagħhom. L-eżempji jinkludu l-iżvilupp ta' metodoloġiji aħjar li jippermettu lill-provi jiffukaw fuq il-gruppi ta' popolazzjoni rilevanti, inklużi dawk li jbatu minn mard ieħor konkomitanti u/jew li diġà għaddejjin bit-trattament, id-determinazzjoni ta' effettività komparattiva ta' interventi u soluzzjonijiet, kif ukoll it-tisħiħ tal-użu ta' bank ta' dejta u rekords elettroniċi tas-saħħa bħala sorsi ta' dejta għall-provi u trasferiment tal-għarfien. B'mod simili, se jingħata l-appoġġ għat-trasferiment ta' tipi oħra ta' interventi bħal dawk relatati mal-għajxien indipendenti fl-ambjenti tad-dinja reali. | Il-provi kliniċi huma l-mezz li permezz tagħhom isir it-trasferiment tal-għarfien bijomediku għal applikazzjoni fil-pazjenti u se jiġi pprovdut l-appoġġ għal dawn, kif ukoll għat-titjib tal-prattika tagħhom. L-eżempji jinkludu l-iżvilupp ta' metodoloġiji aħjar li jippermettu lill-provi jiffukaw fuq il-gruppi ta' popolazzjoni rilevanti, inklużi dawk li jbatu minn mard ieħor konkomitanti u/jew li diġà għaddejjin bit-trattament, id-determinazzjoni ta' effettività komparattiva ta' interventi u soluzzjonijiet, kif ukoll it-tisħiħ tal-użu ta' bank ta' dejta u rekords elettroniċi tas-saħħa bħala sorsi ta' dejta għall-provi u trasferiment tal-għarfien. B'mod simili, se jingħata l-appoġġ għat-trasferiment ta' tipi oħra ta' interventi bħal dawk relatati mal-għajxien indipendenti fl-ambjenti tad-dinja reali. ***Tingħata attenzjoni partikolari lit-testijiet kliniċi fil-qasam tal-mard rari u l-mard li jolqot lit-tfal, inkluż dak marbut mat-twelid prematur.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-qasam tal-mard rari u l-mard li jolqot lit-tfal hija partikolarment importanti l-kooperazzjoni Ewropea, minħabba li l-Istati Membri waħidhom m'għandhomx l-opportunitajiet xierqa abbażi tan-numri ta' każijiet meħtieġa.*

**Emenda 64**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-integrazzjoni ta' infrastrutturi u strutturi u sorsi ta' informazzjoni (inklużi dawk derivati minn studji ta' koorti, protokolli, | L-integrazzjoni ta' infrastrutturi u strutturi u sorsi ta' informazzjoni (inklużi dawk derivati minn studji ta' koorti, protokolli, |

| | |
|---|---|
| ġbir tad-dejta, indikaturi, eċċ.) kif ukoll l-istandardizzazzjoni, interoperabbiltà, ħżin, tqassim ta’ dejta u aċċess għaliha, se jkunu appoġġati sabiex jippermettu li tali dejta tkun sfruttata sew. Għandha tingħata attenzjoni lill-ipproċessar tad-dejta, ġestjoni tal-għarfien, immudellar u *viżwalzzazzjoni*. | ġbir tad-dejta, indikaturi, eċċ.) kif ukoll l-istandardizzazzjoni, interoperabbiltà, ħżin, tqassim ta’ dejta ***mhux ipproċessata*** u aċċess ***liberu*** għaliha, se jkunu appoġġati sabiex jippermettu li tali dejta tkun sfruttata sew. Għandha tingħata attenzjoni lill-ipproċessar tad-dejta, ġestjoni tal-għarfien, immudellar u *viżwalizzazzjoni*. |

**Emenda 65**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Hemm bżonn *ta' appoġġ tal-iżvilupp* ta’ *għodod ,* metodi u statistika xjentifiċi għal valutazzjoni rapida, preċiża u ta' tbassir tas-sikurezza, effettività u kwalità tat-teknoloġiji tas-saħħa, inklużi *d-drogi ,* il-bijoloġika, terapiji avvanzati u apparat mediku *ġodda*. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-iżviluppi ġodda fi sferi inklużi dawk li jikkonċernaw il-vaċċini, terapiji ta’ ċelloli/*tessut* u *ġene,* manifatturar speċjalizzat, bijobanek, apparat mediku ġdid, proċeduri dijanjostiċi/ta' trattament, ittestjar ġenerali, interoperabbiltà u saħħa elettronika, inklużu l-aspetti ta’ privatezza. B’mod simili, l-appoġġ għall-metodoloġiji ***mtejba*** ta’ valutazzjoni tar-riskju, approċċi tal-ittestjar u strateġiji ***relatati mal-ambjent*** u *saħħa* huma meħtieġa. Hemm ukoll bżonn ta’ appoġġ għall-iżvilupp ta’ metodi rilevanti għall-assistenza tal-valutazzjoni ta’ aspetti etiċi tal-isferi msemmija hawn fuq. | Hemm bżonn *li jiġi appoġġjat l-iżvilupp* ta’ *għodod,* metodi u statistika xjentifiċi għal valutazzjoni rapida, preċiża u ta' tbassir tas-sikurezza, effettività u kwalità tat-teknoloġiji tas-saħħa, inklużi *l-mediċini ġodda*, il-bijoloġika, terapiji avvanzati u apparat mediku. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-iżviluppi ġodda fi sferi inklużi dawk li jikkonċernaw il-vaċċini, terapiji ta’ ċelloli/*tessuti* u *ġeni,* organi u trapjanti, manifatturar speċjalizzat, bijobanek, apparat mediku ġdid, proċeduri dijanjostiċi/ta' trattament, ittestjar ġenerali, interoperabbiltà***, telemediċina*** u saħħa elettronika, inklużi l-aspetti ta’ privatezza. B’mod simili, l-appoġġ għall-metodoloġiji ***moderni*** ta’ valutazzjoni ***tal-periklu u*** tar-riskju, approċċi tal-ittestjar u strateġiji ***li jivvalutaw il-kimiċi fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent*** u *s-saħħa* huma meħtieġa. Hemm ukoll bżonn ta’ appoġġ għall-iżvilupp ta’ metodi rilevanti għall-assistenza tal-valutazzjoni ta’ aspetti etiċi tal-isferi msemmija hawn fuq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riċerka tal-UE għandha dejjem tappoġġja l-bidla paradigmatika fir-riċerka bijomedika u l-ittestjar tat-tossiċità lil hinn minn testijiet fuq l-annimali għall-ittestjar modern tat-tossiċità tas-seklu 21. Avvanzi fil-bijoloġija molekulari, il-bijoteknoloġija, u oqsma oħra qegħdin iwittu t-triq għal titjib kbir fil-mod kif ix-xjentisti jistgħu jevalwaw ir-riskji fuq is-saħħa*

*imposti minn kimiċi potenzjalment tossiċi. Dawn l-avvanzi jistgħu jagħmlu l-ittestjar tat-tossiċità aktar mgħaġġel, irħas, u relevanti b'mod aktar dirett għall-espożizzjoni tal-bniedem.*

**Emenda 66**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Riċerka u innovazzjoni avvanzata multidixxiplinari u applikata flimkien ma' xjenzi komportamentali, ġerontoloġiċi, diġitali u oħrajn huma meħtieġa għal soluzzjonijiet aċċessibbli għall-utenti u kosteffettivi għal għajxien ta' kuljum attiv (fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, eċċ) indipendenti u assistit tal-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-persuni b'diżabilità. Dan japplika f'varjetà ta'ambjenti u għal teknoloġiji u sistemi u servizzi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-funzjonalità tal-bniedem inklużi l-mobbiltà, teknoloġiji ta'assistenza intelliġenti u personalizzata robotika ta' servizz soċjali u ambjenti ta' assistenza. *Il-piloti* ta' riċerka u innovazzjoni se jiġu appoġġati biex jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-adozzjoni wiesa' tas-soluzzjonijiet. | Riċerka u innovazzjoni avvanzata multidixxiplinari u applikata flimkien ma' xjenzi komportamentali, ġerontoloġiċi, diġitali u oħrajn huma meħtieġa għal soluzzjonijiet aċċessibbli għall-utenti u kosteffettivi għal għajxien ta' kuljum attiv (fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, eċċ) indipendenti u assistit tal-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-persuni b'diżabilità. Dan japplika f'varjetà ta'ambjenti u għal teknoloġiji u sistemi u servizzi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-funzjonalità tal-bniedem inklużi l-mobbiltà, teknoloġiji ta'assistenza intelliġenti u personalizzata robotika ta' servizz soċjali u ambjenti ta' assistenza ***mingħajr ma jikkompromettu l-kapaċitajiet relazzjonali u l-kwalità tal-interazzjonijiet soċjali tal-pazjenti u l-persuni li qed jirċievu assistenza***. *L-attivitajiet pilota* ta' riċerka u innovazzjoni se jiġu appoġġati biex jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-adozzjoni wiesa' tas-soluzzjonijiet***, filwaqt li tingħata preferenza għall-proġetti li jinvolvu ċittadini affettwati minn dawn il-kundizzjonijiet***. |

**Emenda 67**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għoti tas-setgħa lill-individwi sabiex | L-għoti tas-setgħa lill-individwi sabiex |

| | |
|---|---|
| itejbu u jimmaniġjaw is-saħħa tagħhom matul ħajjithom se jirriżulta fit-tfaddil ta' spejjeż għas-sistemi ta' kura tas-saħħa billi jippermetti ***l-ġestjoni*** barra l-istituzzjonijiet ***ta' mard*** kroniku u jtejbu r-riżultati tas-saħħa. Dan jesiġi riċerka fil-mudelli komportamentali u soċjali, attitudnijiet u aspirazzjonijiet soċjali fir-rigward tat-teknoloġiji tas-saħħa, għodod mobbli u/jew portabbli, dijanjostika ġdida u servizzi personalizzati li jippromwovu stil ta' ħajja b'saħħitha, benessri, kura personali, interazzjoni professjonali taċ-ċittadin/kura tas-saħħa mtejba, programmi ppersonalizzati għall-ġestjoni tal-mard u diżabilità, kif ukoll appoġġ għall-infrastrutturi ta' għarfien. | ***jifhmu,*** itejbu u jimmaniġjaw is-saħħa tagħhom matul ħajjithom se jirriżulta fit-tfaddil ta' spejjeż għas-sistemi ta' kura tas-saħħa billi jippermetti ***li huma jibqgħu b'saħħithom u li jevitaw il-mard iżda wkoll li jimmaniġjaw*** barra l-istituzzjonijiet ***il-mard*** kroniku u jtejbu r-riżultati tas-saħħa. Dan jesiġi riċerka ***fi programmi ta' għarfien dwar is-saħħa, interventi dwar is-saħħa pubblika,*** fil-mudelli komportamentali u soċjali, attitudnijiet u aspirazzjonijiet soċjali fir-rigward tat-teknoloġiji tas-saħħa, għodod mobbli u/jew portabbli, dijanjostika ġdida***, soluzzjonijiet ta' kura u ta' riabilitazzjoni*** u servizzi personalizzati li jippromwovu stil ta' ħajja b'saħħitha, benessri, kura personali, interazzjoni professjonali taċ-ċittadin/kura tas-saħħa mtejba, programmi ppersonalizzati għall-ġestjoni tal-mard u diżabilità, kif ukoll appoġġ għall-infrastrutturi ta' għarfien. |

**Emenda 68**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ għall-ġestjoni barra l-istituzzjonijiet ta' mard kroniku jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa, soċjali jew informali. L-applikazzjonijiet ta' riċerka u dawk innovattivi se jkunu appoġġati għat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq informazzjoni distribwita, u għall-forniment ta' evidenza *għall-iskjerament* fuq skala kbira u l-isfruttar tas-suq tas-soluzzjonijiet ġodda, inklużi s-servizzi interoperabbli tat-telesaħħa u telekura. Ir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tittejjeb l-organizzazzjoni tal-forniment tal-kura fit-tul se jiġu appoġġati wkoll. | L-appoġġ għall-ġestjoni ***ġewwa u*** barra l-istituzzjonijiet ta' mard kroniku jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa, soċjali jew informali. L-applikazzjonijiet ta' riċerka u dawk innovattivi se jkunu appoġġati għat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq informazzjoni distribwita, u għall-forniment ta' evidenza *għall-użu* fuq skala kbira u l-isfruttar tas-suq tas-soluzzjonijiet ġodda, inklużi s-servizzi interoperabbli tat-telesaħħa u telekura. Ir-riċerka ***dwar l-organizzazzjoni u l-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa se tkun appoġġata sabiex ikunu promossi l-integrazzjoni u l-koordinament aħjar bejn il-professjonisti fil-kura tas-*** |

***saħħa u s-servizzi, li, fost l-oħrajn, se jiffaċilitaw ir-referenza bikrija ta' pazjenti mit-tobba għal għand l-ispeċjalisti għal ġestjoni aħjar tal-mard. Ir-riċerka*** u l-innovazzjoni sabiex tittejjeb l-organizzazzjoni tal-forniment tal-kura fit-tul se jiġu appoġġati wkoll.

**Emenda 69**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Hemm bżonn li jkun hemm l-appoġġ għall-iżvilupp ta' valutazzjoni tat-teknoloġija għas-saħħa u ekonomiji tas-saħħa, kif ukoll tal-ġbir ta' evidenza u disseminazzjoni tal-aħjar prattiki u teknoloġiji innovattivi u approċċi fis-settur tal-kura tas-saħħa, inklużi l-applikazzjonijiet tal-ICT u s-saħħa elettronika. Se tiġi appoġġata l-analiżi komparattiva tar-riforma fis-sistemi tas-saħħa pubblika fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi u l-valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom fuq perjodu medju ta' żmien u fit-tul. Se tiġi appoġġata l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol futura kemm f'termini ta' għadd kif ukoll ħiliet meħtieġa fir-rigward ta' mudelli ġodda ta' kura. Se tiġi appoġġata r-riċerka dwar l-evoluzzjoni tal-inugwaljanzi fis-saħħa, tal-interkonnessjonijiet tagħhom mal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali oħrajn u dwar l-effettività tal-politiki bl-għan li jnaqqsuhom fl-Ewropa u lil hinn. Fl-aħħarnett, hemm il-ħtieġa li tiġi appoġġata l-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' sikurezza tal-pazjent u s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, inkluż ir-rwol tal-pazjenti fuq is-sikurezza u l-kwalità tal-kura. | Hemm bżonn li jkun hemm l-appoġġ għall-iżvilupp ta' valutazzjoni tat-teknoloġija għas-saħħa u ekonomiji tas-saħħa. ***Jeħtieġ ukoll li r-riċerka tkun appoġġjata b'modi ġodda ta' kif tingħata l-kura tas-saħħa li jkunu aktar effiċjenti u effettivi u li jistgħu jkunu l-bażi għar-riformi tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa pubblika***, kif ukoll tal-ġbir ta' evidenza u disseminazzjoni tal-aħjar prattiki u teknoloġiji innovattivi u approċċi fis-settur tal-kura tas-saħħa, inklużi l-applikazzjonijiet tal-ICT u s-saħħa elettronika. Se tiġi appoġġata l-analiżi komparattiva tar-riforma fis-sistemi tas-saħħa pubblika fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi u l-valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom fuq perjodu medju ta' żmien u fit-tul***, kif ukoll tar-riżultati tagħhom f'termini ta' effiċjenza u effettività tas-sistema tas-saħħa pubblika***. Se tiġi appoġġata l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol futura kemm f'termini ta' għadd kif ukoll ħiliet meħtieġa fir-rigward ta' mudelli ġodda ta' kura. Se tiġi appoġġata r-riċerka dwar l-evoluzzjoni tal-inugwaljanzi fis-saħħa, tal-interkonnessjonijiet tagħhom mal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali oħrajn u dwar l-effettività tal-politiki bl-għan li jnaqqsuhom fl-Ewropa u lil hinn. Fl-aħħarnett, hemm il-ħtieġa li tiġi appoġġata |

| | |
|---|---|
| | l-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' sikurezza tal-pazjent u s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, inkluż ir-rwol tal-pazjenti fuq is-sikurezza u l-kwalità tal-kura. |

**Emenda 70**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.16 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għandhom ikunu allokati finanzi adegwati għall-oqsma tar-riċerka direttament marbuta mal-fażi ta' wara d-djanjożi, partikolarment fil-każijiet ta' kankru u mard kardjovaskulari u respiratorju, u biex titjieb il-kwalità tal-ħajja.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. SIGURTÀ TAL-IKEL, AGRIKOLTURA SOSTENIBBLI, RIĊERKA DWAR IL-BAĦAR U DIK MARITTIMA U L-BIJOEKONOMIJA | 2. SIGURTÀ TAL-IKEL, ***KWALITÀ U SIKUREZZA,*** AGRIKOLTURA SOSTENIBBLI, RIĊERKA DWAR IL-BAĦAR U DIK MARITTIMA U L-BIJOEKONOMIJA |

**Emenda 72**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għarfien, għodod, servizzi u innovazzjonijiet xierqa huma neċessarji sabiex jappoġġaw sistemi ta' agrikoltura u | L-għarfien, għodod, servizzi u innovazzjonijiet xierqa huma neċessarji sabiex jappoġġaw sistemi ta' agrikoltura u |

| | |
|---|---|
| foresterija iktar produttivi, li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza u reżiljenti li jipprovdu biżżejjed ikel, għalf, bijomassa u materja prima filwaqt li jipprovdu servizzi tal-ekosistemi u jappoġġaw l-iżvilupp tal-għajxien rurali li jrendi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu l-alternattivi għall-integrazzjoni tal-objettivi agronomiċi u ambjentali fil-produzzjoni sostenibbli, ***biex b'hekk***: tiżdied il-produttività u l-effiċjenza tar-riżorsi tal-agrikoltura; jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra agrikoli (GHGs); ***titnaqqas il-lissija tan-nutrijenti mill-artijiet kultivati f'ambjenti terrestri u akwatiċi***; titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet lejn l-Ewropa tal-proteina derivata *minn pjanta internazzjonali*; jiżdied il-livell ta' bijodiversità fis-sistemi ta' produzzjoni primarja. | forestrija iktar produttivi, li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza u reżiljenti li jipprovdu biżżejjed ikel, għalf, bijomassa u materja prima filwaqt li jipprovdu servizzi tal-ekosistemi u jappoġġaw l-iżvilupp tal-għajxien rurali li jrendi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu l-alternattivi għall-integrazzjoni tal-objettivi agronomiċi u ambjentali fil-produzzjoni ***aktar*** sostenibbli, ***bħal***: ***titjib tal-potenzjal ġenetiku tal-pjanti biex jadattaw aħjar għal stressijiet bijotiċi u abijotiċi;*** tiżdied il-produttività u l-effiċjenza tar-riżorsi tal-agrikoltura; jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra agrikoli (GHGs); ***titjieb l-effiċjenza tal-użu tan-nutrijenti u l-ilma***; titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet *internazzjonali* lejn l-Ewropa tal-proteina derivata *mill-pjanti*; jiżdied il-livell ta' bijodiversità fis-sistemi ta' produzzjoni primarja. |

*Ġustifikazzjoni*

*"Biex b'hekk" tinbidel bi "bħal", biex tkun anqas restrittiva, aktar pożittiva u aktar ġenerali.*

**Emenda 73**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.1 – punt 2.1.1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.1.1. Żieda fl-effiċjenza tal-produzzjoni u kif wieħed ilaħħaq mal-bidla fil-klima, filwaqt li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza | 2.1.1. Żieda fl-effiċjenza tal-produzzjoni**,** ***il-kwalità tal-ikel*** u ***s-sikurezza u*** kif wieħed ilaħħaq mal-bidla fil-klima, filwaqt li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kwalità u s-sigurtà tal-ikel bħas-saħħa tal-pjanti, karatteristiċi sensorjali u nutrizzjonali (vitamini, mikronutrijenti)*

**Emenda 74**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.1 – punt 2.1.1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-approċċi multidixxiplinarji se jiġu mfittxa sabiex itejbu l-prestazzjoni tal-pjanti, annimali, mikroorganiżmi, filwaqt li jiżguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi (ilma, nutrijenti, enerġija) u l-integrità ekoloġika taż-żoni rurali. L-enfasi se titqiegħed fuq is-sistemi ta' produzzjoni u prattiki agronomiċi integrati u differenti, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' preċiżjoni u approċċi ta' intensifikazzjoni ekoloġika sabiex tibbenefika kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika. It-titjib ġenetiku tal-pjanti u annimali għall-karatteristiċi ta' adattament u produttività se jesiġi l-approċċi kollha ta' tagħmir konvenzjonali u modern u użu aħjar ta' riżorsi ġenetiċi. Se tingħata attenzjoni lill-ġestjoni tal-ħamrija f'azjenda agrikola għaż-żieda tal-fertilità tal-ħamrija bħala bażi għall-produttività tar-rabà. Is-saħħa tal-annimali u pjanti se tkun promossa u l-miżuri integrati ta' kontroll tal-mard/organiżmi li jagħmlu ħsara se jkunu żviluppati iktar. L-istrateġiji għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, inkluż iż-żoonosi se jkunu indirizzati flimkien mar-riċerka dwar ir-reżistenza antimikrobjali. L-istudju tal-effetti tal-prattiki fuq il-benessri tal-annimali se jgħin sabiex jiġi indirizzat it-tħassib tas-soċjetà. L-oqsma elenkati hawn fuq se jkunu sostnuti minn aktar riċerka fundamentali biex tindirizza mistoqsijiet bijoloġiċi rilevanti kif ukoll bħala appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni. | L-approċċi multidixxiplinari se jiġu mfittxa sabiex itejbu l-prestazzjoni tal-pjanti, annimali, mikroorganiżmi, filwaqt li jiżguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi (ilma, nutrijenti, enerġija) u l-integrità ekoloġika taż-żoni rurali. L-enfasi se titqiegħed fuq is-sistemi ta' produzzjoni u prattiki agronomiċi integrati u differenti, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' preċiżjoni u approċċi ta' intensifikazzjoni ekoloġika sabiex tibbenefika kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika. It-titjib ġenetiku tal-pjanti u annimali għall-karatteristiċi ta' adattament u produttività se jesiġi l-approċċi kollha ta' tgħammir konvenzjonali u modern u użu aħjar ta' riżorsi ġenetiċi. Se tingħata attenzjoni lill-ġestjoni tal-ħamrija f'azjenda agrikola għaż-żieda tal-fertilità tal-ħamrija bħala bażi għall-produttività tar-raba'. Is-saħħa tal-annimali u pjanti se tkun promossa u l-miżuri integrati ta' kontroll tal-mard/organiżmi li jagħmlu ħsara se jkunu żviluppati iktar. L-istrateġiji għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, inkluż iż-żoonosi se jkunu indirizzati flimkien mar-riċerka dwar ir-reżistenza antimikrobjali. L-istudju tal-effetti tal-prattiki fuq il-benessri tal-annimali se jgħin sabiex jiġi indirizzat ***kemm it-tħassib loġistiku u prattiku tal-utenti kummerċjali kif ukoll*** it-tħassib tas-soċjetà ***taċ-ċittadini tal-UE***. L-oqsma elenkati hawn fuq se jkunu sostnuti minn aktar riċerka fundamentali biex tindirizza mistoqsijiet bijoloġiċi rilevanti kif ukoll bħala appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni. |

**Emenda 75**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.1 – punt 2.1.2 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.1.2. ***Forniment ta'*** servizzi tal-ekosistema u beni pubbliċi | 2.1.2. ***Tisħiħ tal-multifunzjonalità tal-agrikoltura, inklużi*** servizzi tal-ekosistema u beni pubbliċi |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-multifunzjonalità bħala approċċ komprensiv biex jiġu kombinati l-użu tal-agrikoltura u s-servizzi tal-ekosistemi; biex tkun konsistenti mal-politika u l-programmi ta' riċerka tal-PAK.*

**Emenda 76**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.1 – punt 2.1.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-agrikoltura u l-foresterija huma sistemi uniċi li jqassmu l-prodotti kummerċjali iżda wkoll beni pubbliċi tas-soċjetà usa' (inkluż il-valur kulturali u rikreazzjonali) u servizzi ekoloġiċi importanti bħal bijodiversità funzjonali u fil-post, pollinazzjoni, regolazzjoni tal-ilma, pajsaġġ, tnaqqis tal-erożjoni u s-sekwestru tal-karbonju / mitigazzjoni tal-GHG. L-attivitajiet ta' riċerka se jappoġġaw il-forniment ta' dawn il-beni u servizzi pubbliċi, permezz ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni, għodod li jappoġġaw id-deċiżjonijiet u l-valutazzjoni tal-valur mhux kummerċjali tagħhom. Il-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati jinkludu l-identifikazzjoni tas-sistemi tal-biedja/foresti u l-mudelli tal-pajsaġġ li x'aktarx jiksbu dawn l-iskopijiet. Ċaqliq fil-ġestjoni attiva tas-sistemi agrikoli - inklużi l-użu tat-teknoloġiji u t-tibdil tal-prattiki - se jżid il-mitigazzjoni l-mitigazzjoni tal-GHG u l-kapaċità ta' adattament tas-settur agrikolu. | L-agrikoltura u l-foresterija huma sistemi uniċi li jqassmu l-prodotti kummerċjali iżda wkoll beni pubbliċi tas-soċjetà usa' (inkluż il-valur kulturali u rikreazzjonali) u servizzi ekoloġiċi importanti bħal bijodiversità funzjonali u fil-post, pollinazzjoni, regolazzjoni tal-ilma, pajsaġġ, tnaqqis tal-erożjoni u s-sekwestru tal-karbonju / mitigazzjoni tal-GHG. L-attivitajiet ta' riċerka se jappoġġaw il-forniment ta' dawn il-beni u servizzi pubbliċi, permezz ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni, għodod li jappoġġaw id-deċiżjonijiet u l-valutazzjoni tal-valur mhux kummerċjali tagħhom. Il-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati jinkludu l-identifikazzjoni tas-sistemi tal-biedja/foresti u l-mudelli tal-pajsaġġ li x'aktarx jiksbu dawn l-iskopijiet. ***Se tkun indirizzata l-valutazzjoni soċjoekonomika u komparattiva tas-sistemi ta' biedja/foresti u l-prestazzzjoni ta' sostenibbilità tagħhom.*** Ċaqliq fil-ġestjoni attiva tas-sistemi agrikoli - inklużi l-użu tat-teknoloġiji u t-tibdil tal-prattiki - se jżid il-mitigazzjoni tal-GHG u l-kapaċità |

adattiva tas-settur agrikolu għall-impatti avversi tat-tibdil fil-klima. ***Pereżempju, il-bijoteknoloġija tista' ttejjeb l-użu effiċjenti tar-riżorsi Ewropej eżistenti agrikoli u tal-forestrija billi ttejjeb l-għarfien tas-sistemi bijoloġiċi u toffri firxa wiesgħa ta' għodod biex jittejbu s-sostenibbiltà u l-produttività tal-agrikoltura u l-forestrija. Tassigura wkoll provvista suffiċjenti ta' ikel u għalf, li hija kruċjali fid-dawl tat-taqlib passat u futur fis-swieq globali. Il-kombinazzjoni tal-vantaġġi tat-teknoloġiji agrikoli varji għandha titħeġġeġ biex jinkiseb benefiċċju reali għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.***

**Emenda 77**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 2.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-ħtiġijiet tal-konsumatur għal ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u affordabbli għandhom bżonn jiġu indirizzati, filwaqt li jitqiesu l-impatti tal-imġiba tal-konsum tal-ikel u tal-produzzjoni tal-ikel u l-għalf fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistema totali. Se jiġu indirizzati s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, il-kompetittività tal-industrija agroalimentari u s-sostenibbilità tal-produzzjoni u provvista tal-ikel, b'kopertura tal-katina kollha tal-ikel u s-servizzi relatati, kemm jekk konvenzjonali jew organiċi, mill-produzzjoni primarja għall-konsum. Dan l-approċċ se jikkontribwixxi għal (a) ksib ta' sikurezza u sigurtà tal-ikel għall-Ewropej kollha u l-eradikazzjoni tal-ġuħ fid-dinja (b) tnaqqis tal-piż tal-mard relatat mal-ikel u dieti billi *jkun hemm promozzjoni ta' ċaqliq* lejn dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli, permezz tal-edukazzjoni tal-konsumatur u innovazzjonijiet fl-industrija tal-ikel (c) tnaqqis tal-konsum tal-ilma u tal-enerġija ***fl-ipproċessar*** tal-ikel, trasport u distribuzzjoni u (d) tnaqqis *tal-iskart* | Il-ħtiġijiet tal-konsumatur għal ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u affordabbli għandhom bżonn jiġu indirizzati, filwaqt li jitqiesu l-impatti tal-imġiba tal-konsum tal-ikel u tal-produzzjoni tal-ikel u l-għalf fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistema totali. Se jiġu indirizzati s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, il-kompetittività tal-industrija agroalimentari u s-sostenibbilità tal-produzzjoni u provvista tal-ikel, ***f'approċċ interdixxiplinari li jinvolvi diversi atturi, partikolarment il-bdiewa u l-SMEs fis-settur tal-ikel agrikolu, żviluppaturi ta' teknoloġiji u ambjentalisti, u*** b'kopertura tal-katina kollha tal-ikel u s-servizzi relatati, kemm jekk konvenzjonali jew organiċi, mill-produzzjoni primarja għall-konsum. Dan l-approċċ se jikkontribwixxi għal (a) ksib ta' sikurezza u sigurtà tal-ikel għall-Ewropej kollha u l-eradikazzjoni tal-ġuħ fid-dinja (b) tnaqqis tal-piż tal-mard relatat mal-ikel u dieti billi *tiġi promossa l-qalba* lejn dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli, permezz tal-edukazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| *mill-ikel* b'50% sal-2030. | konsumatur, ***jiżdied l-aċċess għal ikel nutrittiv*** u innovazzjonijiet fl-industrija ***agrikola*** tal-ikel (c) tnaqqis tal-konsum tal-ilma u tal-enerġija ***fil-produzzjoni*** tal-ikel, trasport u distribuzzjoni u (d) tnaqqis *tal-ikel mormi* b'50% sal-2030. |

**Emenda 78**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 2.2.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Se jkunu indirizzati l-ħtiġijiet nutrizzjonali u l-impatt tal-ikel fuq il-funzjonijiet fiżjoloġiċi, prestazzjoni fiżika u mentali kif ukoll ir-rabtiet bejn id-dieta, tixjiħ, mard u disturb kroniku u mudelli tad-dieta. Se jkunu identifikati s-soluzzjonijiet u l-innovazzjonijiet tad-dieti li jwasslu għal titjib fis-saħħa u l-benessri. Il-kontaminazzjoni, riskji u esponiment tal-kimika u dawk mikrobjali fuq l-ikel u l-għalf se jiġu vvalutati, immonitorjati u ttraċċjati tul il-ktajjen ta' provvista tal-ikel u tal-ilma tax-xorb mill-produzzjoni u ħżin għall-ipproċessar, ippakkjar, distribuzzjoni, forniment tal-ikel u preparazzjoni d-dar. L-innovazzjonijiet fis-sikurezza tal-ikel, l-għodod imtejba tal-komunikazzjoni tar-riskju u l-istandards imtejba tas-sikurezza tal-ikel se jwasslu għal tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur fl-Ewropa. Standards globali mtejba tas-sikurezza tal-ikel se jgħinu wkoll biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel. | Se jkunu indirizzati l-ħtiġijiet nutrizzjonali u l-impatt tal-ikel fuq il-funzjonijiet fiżjoloġiċi, prestazzjoni fiżika u mentali kif ukoll ir-rabtiet bejn id-dieta, tixjiħ, mard u disturb kroniku u mudelli tad-dieta. ***Se tiżdied in-nutrizzjoni ta' kwalità u li tajba għas-saħħa billi jiġu investigati u studjati komposti tajba għas-saħħa fil-pjanti (e.ż. metaboliti sekondarji) u l-istatus ta' saħħa tal-pjanti kkultivati. Se jiġu appoġġjati attivitajiet li jipprovdu l-għarfien meħtieġ biex tiġi ffaċilitata l-formulazzjoni mill-ġdid tal-prodotti tal-ikel, b'mod partikulari dawk li fihom ħafna xaħmijiet, zokkor jew melħ, sabiex jiġu promossi d-dieti tajbin għas-saħħa.*** Se jkunu identifikati s-soluzzjonijiet u l-innovazzjonijiet tad-dieti li jwasslu għal titjib fis-saħħa u l-benessri. ***Dan jinkludi l-iżvilupp ta' dieti mfassla skont il-ħtiġijiet individwali ta' saħħa u ta' nutrizzjoni. Se jkunu studjati n-nutrizzjoni ta' qabel it-twelid u ta' wara t-twelid, kif ukoll in-nutrizzjoni waqt l-infanzja, sabiex jiġi mifhum l-impatt tan-nutrizzjoni fuq l-iżvilupp tat-tfal ċkejknin u fuq is-saħħa tagħhom.*** Il-kontaminazzjoni, riskji u esponiment tal-kimika u dawk mikrobjali fuq l-ikel u l-għalf se jiġu vvalutati, immonitorjati u ttraċċjati tul il-ktajjen ta' provvista tal-ikel u tal-ilma tax-xorb mill-produzzjoni u ħżin għall-ipproċessar, ippakkjar, distribuzzjoni, forniment tal-ikel |

| | |
|---|---|
| | u preparazzjoni d-dar. L-innovazzjonijiet fis-sikurezza tal-ikel, l-għodod imtejba tal-komunikazzjoni tar-riskju u l-istandards imtejba tas-sikurezza tal-ikel se jwasslu għal tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur fl-Ewropa. Standards globali mtejba tas-sikurezza tal-ikel ***u tan-nutrizzjoni*** se jgħinu wkoll biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel. |

**Emenda 79**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.2 – punt 2.2.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Il—ħtiġijiet* għall-industrija tal-ikel u l-għalf sabiex ilaħħqu mal-bidla tas-soċjetà, dik ambjentali, klimatika u ekonomika minn livell lokali għal dak globali se jiġu indirizzati fl-istadji kollha tal-katina ta' produzzjoni tal-ikel u l-għalf, inkluż id-disinn tal-ikel, l-ipproċessar, l-ippakkjar, kontroll tal-proċess, tnaqqis tal-iskart, valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji u l-użu jew rimi sikur tal-prodotti sekondarji tal-annimali. Se jiġu ġġenerati proċessi innovattivi u sostenibbli li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza, u l-prodotti diversifikati, siguri, affordabbli u ta' kwalità *għolja* . Dan għandu jsaħħaħ il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-katina Ewropea ta' provvista tal-ikel, jtejjeb il-kompetittività tagħha, joħloq tkabbir ekonomiku u l-impjiegi u jippermetti lill-industrija Ewropea tal-ikel li tadatta għall-bidliet. Aspetti oħra li għandhom jiġu indirizzati huma t-traċċabiltà, loġistika u servizzi, fatturi soċjoekonomiċi, ir-reżiljenza tal-katina tal-ikel kontra r-riskji ambjentali u klimatiċi, u l-limitazzjoni tal-impatti negattivi fuq l-attivitajiet tal-katina tal-ikel u tad-dieti li jinbidlu u s-sistemi ta' produzzjoni fuq l-ambjent. | *Il-ħtiġijiet* għall-industrija tal-ikel u l-għalf sabiex ilaħħqu mal-bidla tas-soċjetà, dik ambjentali, klimatika u ekonomika minn livell lokali għal dak globali se jiġu indirizzati fl-istadji kollha tal-katina ta' produzzjoni tal-ikel u l-għalf, inkluż ***il-produzzjoni agrikola,*** id-disinn tal-ikel, l-ipproċessar, l-ippakkjar, kontroll tal-proċess, tnaqqis tal-iskart, valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji u l-użu jew rimi sikur tal-prodotti sekondarji tal-annimali. Se jiġu ġġenerati proċessi innovattivi u sostenibbli li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza, u l-prodotti diversifikati, siguri, affordabbli u ta' kwalità *għolja*. Dan għandu jsaħħaħ il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-katina Ewropea ta' provvista tal-ikel, jtejjeb il-kompetittività tagħha, joħloq tkabbir ekonomiku u l-impjiegi u jippermetti lill-industrija Ewropea tal-ikel li tadatta għall-bidliet. Aspetti oħra li għandhom jiġu indirizzati huma t-traċċabiltà, loġistika u servizzi, fatturi soċjoekonomiċi, ir-reżiljenza tal-katina tal-ikel kontra r-riskji ambjentali u klimatiċi, u l-limitazzjoni tal-impatti negattivi fuq l-attivitajiet tal-katina tal-ikel u tad-dieti li jinbidlu u s-sistemi ta' produzzjoni fuq l-ambjent. |

**Emenda 80**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.3 – punt 2.3.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-akkwakultura għandha potenzjal ogħli għall-iżvilupp ta' prodotti sikuri, *tajba* għas-saħħa u kompetittivi mfassla għall-ħtiġijiet u preferenzi tal-konsumatur kif ukoll għal servizzi ambjentali (bijorimedjazzjoni, ġestjoni tal-art u l-ilma, eċċ) u l-produzzjoni tal-enerġija iżda teħtieġ li tkun realizzata bis-sħiħ ġewwa l-Ewropa. L-għarfien u t-teknoloġiji se jkunu msaħħa fl-aspetti kollha tad-domestikazzjoni tal-ispeċi stabbiliti u d-diversifikazzjoni għall-ispeċi ġodda filwaqt li jitqiesu l-interazzjonijiet bejn l-akkwakultura u l-ekosistemi akkwatiċi, u l-effetti tat-tibdil fil-klima u kif is-settur jista' jadatta għalihom. L-innovazzjoni se tkun ukoll promossa għall-produzzjoni sostenibbli fiż-żona interna, fuq il-kosta u lil hinn mill-kosta. Se ssir enfasi ukoll fuq il-fehim tad-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi tas-settur sabiex tiġi sostnuta l-produzzjoni kosteffiċjenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa d-domanda tas-suq u tal-konsumatur, filwaqt li jiġu żgurati kompetittività u prospetti attraenti għall-investituri u produtturi. | L-akkwakultura għandha potenzjal ogħli għall-iżvilupp ta' prodotti sikuri, *tajbin* għas-saħħa u kompetittivi mfassla għall-ħtiġijiet u preferenzi tal-konsumatur kif ukoll għal servizzi ambjentali (bijorimedjazzjoni, ġestjoni tal-art u l-ilma, eċċ) u l-produzzjoni tal-enerġija iżda teħtieġ li tkun realizzata bis-sħiħ ġewwa l-Ewropa. L-għarfien u t-teknoloġiji se jkunu msaħħa fl-aspetti kollha tad-domestikazzjoni tal-ispeċi stabbiliti u d-diversifikazzjoni għall-ispeċi ġodda filwaqt li jitqiesu l-interazzjonijiet bejn l-akkwakultura u l-ekosistemi akkwatiċi, u l-effetti tat-tibdil fil-klima u kif is-settur jista' jadatta ***bl-aħjar mod*** għalihom. L-innovazzjoni se tkun ukoll promossa għall-produzzjoni sostenibbli fiż-żona interna, fuq il-kosta u lil hinn mill-kosta. Se ssir enfasi ukoll fuq il-fehim tad-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi tas-settur sabiex tiġi sostnuta l-produzzjoni kosteffiċjenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa d-domanda tas-suq u tal-konsumatur, filwaqt li jiġu żgurati kompetittività u prospetti attraenti għall-investituri u produtturi. |

**Emenda 81**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.3 – punt 2.3.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iktar minn 90 % tal-bijodiversità tal-baħar tibqa' mhux esplorata, u toffri potenzjal enormi għall-iskoperta ta' speċi u applikazzjonijiet ġodda fil-qasam tal- | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija* |

bijoteknoloġiji tal-baħar, li huwa prevista illi tiġġenera 10 % ta' tkabbir annwali għal dan is-settur. L-appoġġ se jingħata sabiex jiġi esplorat u sfruttat iktar il-potenzjal kbir offrut mill-bijodiversità tal-baħar u l-bijomassa akkwatika sabiex jinħolqu proċessi, prodotti u servizzi innovattivi ġodda fuq is-swieq b'applikazzjonijiet potenzjali f'setturi li jinkludu l-industrija kimiċi u tal-materjali, il-farmaċewtika, is-sajd u l-akkwakultura, il-provvista tal-enerġija u l-kożmetika.

**Emenda 82**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 2.4 – punt 2.4.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-attivitajiet se jiġu appoġġati biex tingħata spinta lil prodotti b'bażi bijoloġika, l-intermedji u l-bijoenerġija/bijofjuwils, li jiffukaw fil-biċċa l-kbira fuq approċċ kaskata, bi prijoritizzazzjoni lill-ġenerazzjoni ta' prodotti ta' valur miżjud għoli. Se jiġu żviluppati strateġiji u teknoloġiji li jiżguraw provvista tal-materja prima. It-titjib ***tad-diversi tipi*** tal-bijomassa għall-użu fit-tieni u t-tielet ġenerazzjoni ta' bijoraffineriji, ***inkluża l-forestrija***, il-bijoskart u prodotti industrijali sekondarji, se jgħinu jevitaw kunflitti tal-ikel/fjuwil u jappoġġa l-iżvilupp ekonomiku ta' oqsma rurali u kostali fl-Unjoni. | L-attivitajiet se jiġu appoġġati biex tingħata spinta lil prodotti b'bażi bijoloġika, l-intermedji u l-bijoenerġija/bijofjuwils, li jiffukaw fil-biċċa l-kbira fuq approċċ kaskata, bi prijoritizzazzjoni lill-ġenerazzjoni ta' prodotti ta' valur miżjud għoli. Se jiġu żviluppati strateġiji u teknoloġiji li jiżguraw provvista tal-materja prima. It-titjib ***tad-disponibbiltà,*** *il-firxa* ***u l-karatteristiċi*** tal-bijomassa għall-użu fit-tieni u t-tielet ġenerazzjoni ta' bijoraffineriji, ***inklużi l-agrikoltura, l-ortikoltura, il-forestrija***, il-bijoskart u prodotti industrijali sekondarji, se jgħinu jevitaw kunflitti tal-ikel/fjuwil u jappoġġa l-iżvilupp ekonomiku ta' oqsma rurali u kostali fl-Unjoni. |

**Emenda 83**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 3.1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Is-sorsi tal-enerġija u x-xejriet ta' konsum tal-industriji, trasport, bini, irħula u bliet tal-Ewropa, fil-biċċa l-kbira, mhumiex sostenibbli u jwasslu għal impatti ambjentali u tibdil fil-klima sinifikanti. L-iżvilupp ta' bini li ma joħloq kważi l-ebda emissjoni, industriji effiċjenti ħafna u adozzjoni *tal-massa* ta' approċċi effiċjenti fl-enerġija mill-kumpaniji, individwi, komunitajiet u bliet se jesiġu mhux biss l-avvanzi teknoloġiċi, iżda wkoll soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi bħal pereżempju servizzi konsultattivi u ta' ġestjoni tal-finanzjament u d-domanda. B'dan il-mod, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ***tista' tipprovdi*** wieħed mill-iktar modi kosteffettivi sabiex titnaqqas il-domanda għall-enerġija, b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, *bit-tnaqqis tal-impatti* ambjentali u klimatiċi u tissaħħaħ il-kompetittività. | Is-sorsi tal-enerġija u x-xejriet ta' konsum tal-industriji, trasport, bini, irħula u bliet tal-Ewropa, fil-biċċa l-kbira, mhumiex sostenibbli u jwasslu għal impatti ambjentali u tibdil fil-klima sinifikanti. L-iżvilupp ta' bini li ma joħloq kważi l-ebda emissjoni, industriji effiċjenti ħafna u adozzjoni *fuq skala kbira* ta' approċċi effiċjenti fl-enerġija mill-kumpaniji, individwi, komunitajiet u bliet se jesiġu mhux biss l-avvanzi teknoloġiċi, iżda wkoll soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi bħal pereżempju servizzi konsultattivi u ta' ġestjoni tal-finanzjament u d-domanda. B'dan il-mod, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ***u l-enerġija rinnovabbli jipprovdu*** wieħed mill-iktar modi kosteffettivi sabiex titnaqqas il-domanda għall-enerġija, b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, *jitnaqqsu l-impatti* ambjentali u klimatiċi u tissaħħaħ il-kompetittività***, filwaqt li jiġi żgurat it-tkabbir ekonomiku***. |

**Emenda 84**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 3.1.2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3.1.2. Sfruttar tal-potenzjal ta' sistemi ta' *tisħin -tkessiħ* effiċjenti u rinnovabbli | 3.1.2. Sfruttar tal-potenzjal ta' sistemi ta' *tisħin-tkessiħ* effiċjenti u rinnovabbli |
| Parti sostanzjali tal-enerġija hija kkonsumata għal finijiet ta' tisħin jew tkessiħ madwar l-Unjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji kosteffettivi u effiċjenti, tekniki ta' integrazzjoni tas-sistemi, pereżempju konnettività tan-netwerk bil-lingwi u servizzi standardizzati f'dan il-qasam, jistgħu jkollhom impatt kbir fuq it-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija. Dan jeħtieġ riċerka u dimostrazzjoni ta' sistemi u | Parti sostanzjali tal-enerġija hija kkonsumata għal finijiet ta' tisħin jew tkessiħ madwar l-Unjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji kosteffettivi u effiċjenti, tekniki ta' integrazzjoni tas-sistemi, pereżempju konnettività tan-netwerk bil-lingwi u servizzi standardizzati f'dan il-qasam, jistgħu jkollhom impatt kbir fuq it-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija. Dan jeħtieġ riċerka u dimostrazzjoni ta' sistemi u |

| | |
|---|---|
| komponenti ġodda għall-applikazzjonijiet industrijali, kif ukoll residenzjali, pereżempju fil-provvista deċentralizzata u distrettwali tal-ilma sħun u t-tisħin u tkessiħ tal-ispazju. Dan għandu jinkludi teknoloġiji differenti: *pompi termali solari*, ġeotermali, tal-bijomassa *u tat-tisħin, sħana u enerġija* kombinata, eċċ, u jissodisfa r-rekwiżiti tal-bini u distretti ta' kważi żero enerġija. Skoperti rivoluzzjonarji oħrajn huma meħtieġa, b'mod partikolari, fil-ħżin termali mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sabiex jitrawwem l-iżvilupp u *l-iskjerament* ta' kombinazzjonijiet effiċjenti ta' tisħin *ibridu* u *sistemi ta'* tkessiħ, għal applikazzjonijiet ċentralizzati u dawk deċentralizzati. | komponenti ġodda għall-applikazzjonijiet industrijali, ***tas-settur pubbliku,*** kif ukoll residenzjali, pereżempju fil-provvista deċentralizzata u distrettwali tal-ilma sħun u t-tisħin u tkessiħ tal-ispazju. Dan għandu jinkludi teknoloġiji differenti: *enerġija mix-xemx****, fotovoltajka***, ġeotermali, tal-bijomassa*, pompi tas-sħana, produzzjoni* kombinata *ta' enerġija u sħana*, eċċ, u jissodisfa r-rekwiżiti tal-bini u distretti ta' kważi żero enerġija. Skoperti rivoluzzjonarji oħrajn huma meħtieġa, b'mod partikolari, fil-ħżin termali ***u tal-elettriku*** mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sabiex jitrawwem l-iżvilupp u *l-użu* ta' kombinazzjonijiet effiċjenti ta' *sistemi ibridi ta'* tisħin u tkessiħ, għal applikazzjonijiet ċentralizzati u dawk deċentralizzati. ***Jeħtieġ li jkun hemm riċerka ulterjuri biex titjieb l-effiċjenza tal-enerġija mix-xemx, termali u fotovoltajka.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 3.1 – punt 3.1.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żoni urbani huma wieħed mill-akbar konsumaturi ta' enerġija fl-Unjoni u jemettu parti kbira korrispondenti ta' gassijiet serra, filwaqt li jiġġeneraw ammont sostanzjali ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. Fl-istess ħin, iż-żoni urbani huma affettwati mit-tnaqqis fil-kwalità tal-arja u t-tibdil fil-klima u għandhom jiżviluppaw l-istrateġiji ta' mitgazzjoni u adattament tagħhom stess. *Is-sejba* ta' soluzzjonijiet innovattivi ta' enerġija (effiċjenza tal-enerġija, sistemi ta' provvista tal-elettriku u tisħin u tkessiħ), integrati mat-trasport, skart u trattament tal-ilma, kif ukoll soluzzjonijiet tal-ICT għall-ambjent urban huma għalhekk kruċjali fit-trasformazzjoni lejn soċjetà *b'livell* baxx ta' karbonju. | Iż-żoni urbani huma wieħed mill-akbar konsumaturi ta' enerġija fl-Unjoni u jemettu parti kbira korrispondenti ta' gassijiet serra, filwaqt li jiġġeneraw ammont sostanzjali ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. ***F'dak il-kuntest, hemm bżonn li jkunu promossi strateġiji sistemiċi u integrati ta' żvilupp urban li jqisu: l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-aċċessibbiltà, l-ispazji ħodor, l-adattament tal-ħabitats u l-integrazzjoni soċjali.*** Fl-istess ħin, iż-żoni urbani huma affettwati mit-tnaqqis fil-kwalità tal-arja u t-tibdil fil-klima u għandhom jiżviluppaw l-istrateġiji ta' mitgazzjoni u adattament tagħhom stess. *Is-sejbien* ta' soluzzjonijiet innovattivi ta' enerġija (effiċjenza tal-enerġija, sistemi ta' |

| | |
|---|---|
| Inizjattivi immirati bħala appoġġ għall-konvergenza tal-ktajjen ta' valur industrijali tal-enerġija, trasport u s-settur tal-ICT għal applikazzjonijiet urbani intelliġenti għandhom jiġu previsti. Fl-istess ħin, ippjanar u mudelli kummerċjali teknoloġiċi, organizzattivi ġodda jesiġu li jkunu żviluppati u ttestjati fuq skala sħiħa skont il-ħtiġijiet u *mezzi* tal-ibliet u komunitajiet. Ir-riċerka hija wkoll meħtieġa sabiex *jinftiehmu* l-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali li huma involuti f'din it-trasformazzjoni. | provvista tal-elettriku u tisħin u tkessiħ), integrati mat-trasport, skart u trattament tal-ilma, kif ukoll soluzzjonijiet tal-ICT għall-ambjent urban huma għalhekk kruċjali fit-trasformazzjoni lejn soċjetà *b'użu* baxx ta' karbonju. Inizjattivi immirati bħala appoġġ għall-konvergenza tal-ktajjen ta' valur industrijali tal-enerġija, trasport u s-settur tal-ICT għal applikazzjonijiet urbani intelliġenti għandhom jiġu previsti. Fl-istess ħin, ippjanar u mudelli kummerċjali teknoloġiċi, organizzattivi ġodda jesiġu li jkunu żviluppati u ttestjati fuq skala sħiħa skont il-ħtiġijiet u *l-mezzi* tal-ibliet u komunitajiet. Ir-riċerka hija wkoll meħtieġa sabiex *jinfiehmu* l-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali li huma involuti f'din it-trasformazzjoni. |

**Emenda 86**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 3.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-elettriku se jkollu rwol ċentrali fl-istabbiliment ta' ekonomija ambjentalment sostenibbli b'livell baxxi ta' karbonju. L-adozzjoni tal-ġenerazzjoni ta' elettriku b'livell baxx ta' karbonju qed isseħħ bil-mod wisq minħabba l-ispejjeż kbar involuti. Hemm bżonn urġenti li jinstabu soluzzjonijiet li jnaqqsu l-ispejjeż ***b'mod sinifikanti***, bi prestazzjoni u sostenibilità msaħħa, sabiex jiġi aċċelerat *l-iskjerament* fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku *b'livell baxx* ta' karbonju. B'mod partikolari, sabiex: | L-elettriku se jkollu rwol ċentrali fl-istabbiliment ta' ekonomija ambjentalment sostenibbli b'livell baxxi ta' karbonju. L-adozzjoni tal-ġenerazzjoni ta' elettriku b'livell baxx ta' karbonju qed isseħħ bil-mod wisq minħabba l-ispejjeż kbar involuti. Hemm bżonn urġenti li jinstabu soluzzjonijiet li jnaqqsu l-ispejjeż ***sabiex dawn isiru aċċessibbli u kompetittivi***, bi prestazzjoni u sostenibilità msaħħa, sabiex jiġi aċċellerat *l-użu* fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku *b'emissjonijiet baxxi* ta' karbonju ***kif ukoll li jiġu żviluppati metodi kosteffiċjenti ta' ħażna tal-enerġija***. B'mod partikolari, sabiex: |

**Emenda 87**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-PV, dan se jeħtieġ riċerka ***fit-tul*** dwar il-kunċetti u sistemi ġodda, dimostrazzjoni u ttestjar ta' produzzjoni tal-massa bl-għan li jkun hemm *skjerament* fuq skala kbira. | Għall-PV, dan se jeħtieġ riċerka dwar il-kunċetti u sistemi ġodda, dimostrazzjoni u ttestjar ta' produzzjoni tal-massa bl-għan li jkun hemm *użu* fuq skala kbira. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk l-għan imsemmi hawn fuq għandu jintlaħaq sal-2020, ma nistgħux nitkellmu dwar riċerka "fit-tul".*

**Emenda 88**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għas-CSP, l-enfasi se tkun fuq l-iżvilupp ta' metodi biex tiżdied l-effiċjenza filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-impatt ambjentali, li jippermettu skalar industrijali 'il fuq tat-teknoloġiji dimostrati bil-bini ta' impjanti tal-enerġija bla preċedent. Se jiġu ttestjati soluzzjonijiet li jikkombinaw b'mod effiċjenti l-produzzjoni tal-elettriku solari mad-desalinizzazzjoni tal-ilma. | Għas-CSP, l-enfasi se tkun fuq l-iżvilupp ta' metodi biex tiżdied l-effiċjenza filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-impatt ambjentali, li jippermettu skalar industrijali 'il fuq tat-teknoloġiji dimostrati bil-bini ta' impjanti tal-enerġija bla preċedent. Se jiġu ttestjati soluzzjonijiet li jikkombinaw b'mod effiċjenti l-produzzjoni tal-elettriku solari mad-desalinizzazzjoni tal-ilma. ***Se jiġu ttestjati wkoll soluzzjonijiet li jaħżnu b'mod effiċjenti l-enerġija solari.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 5.1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-konċentrazzjonijiet attwali ta' $CO_2$ fl-atmosfera huma kważi 40 % ogħla minn dawk fil-bidu tar-rivoluzzjoni industrijali u fl-ogħla livelli esperjenzati fl-aħħar 2 miljun sena. Gassijiet serra mhux ta' $CO_2$ jikkontribwixxu wkoll għat-tibdil fil-klima | Il-konċentrazzjonijiet attwali ta' $CO_2$ fl-atmosfera huma kważi 40 % ogħla minn dawk fil-bidu tar-rivoluzzjoni industrijali u fl-ogħla livelli esperjenzati fl-aħħar 2 miljun sena. Gassijiet ***u partikoli*** serra mhux ta' $CO_2$ jikkontribwixxu wkoll għat- |

| | |
|---|---|
| u għandhom rwol sinifikanti li qiegħed dejjem jikber. Mingħajr azzjoni deċiżiva, it-tibdil fil-klima jista' jiswa lid-dinja mill-inqas 5 % tal-PDG kull sena; u sa 20 % *taħt* ċerti xenarji. B'kuntrast ma' dan, b'azzjoni bikrija u effettiva, l-ispejjeż netti jistgħu jkunu limitati għal madwar 1 % tal-PDG kull sena. Li tintlaħaq il-mira ta' 2°C u l-evitar tal-agħar impatti tat-tibdil fil-klima se jesiġu li l-pajjiżi żviluppati jaqtgħu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra *sa 80-95 %* sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. | tibdil fil-klima u għandhom rwol sinifikanti li qiegħed dejjem jikber. Mingħajr azzjoni deċiżiva, it-tibdil fil-klima jista' jiswa lid-dinja mill-inqas 5 % tal-PDG kull sena; u sa 20 % *skont* ċerti xenarji. B'kuntrast ma' dan, b'azzjoni bikrija u effettiva, l-ispejjeż netti jistgħu jkunu limitati għal madwar 1 % tal-PDG kull sena. Li tintlaħaq il-mira ta' 2°C u l-evitar tal-agħar impatti tat-tibdil fil-klima se jesiġu li l-pajjiżi żviluppati jaqtgħu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra *b'80-95 %* sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. ***Il-programm Orizzont 2020 jista' jgħin lill-Unjoni tmur lil hinn mill-objettivi ta' 20 %.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 5.1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għalhekk, l-għan ta' din l-attività huwa li jiġu żviluppati u vvalutati miżuri innovattivi, kosteffettivi u sostenibbli ta' adattament u ta' mitigazzajoni, li jindirizzaw kemm il-gassijiet serra b'$CO_2$ kif ukoll dawk mingħajr $CO_2$, u jenfasizzaw kemm soluzzjonijiet ekoloġiċi teknoloġiċi u dawk li mhumiex, permezz tal-ġenerazzjoni ta' evidenza għal azzjoni infurmata, bikrija u effettiva u n-netwerking tal-kompetenzi meħtieġa. | Għalhekk, l-għan ta' din l-attività huwa li jiġu żviluppati u vvalutati miżuri innovattivi, kosteffettivi u sostenibbli ta' adattament u ta' mitigazzajoni, li jindirizzaw kemm il-gassijiet ***u partikoli*** serra b'$CO_2$ kif ukoll dawk mingħajr $CO_2$, u jenfasizzaw kemm soluzzjonijiet ekoloġiċi teknoloġiċi u dawk li mhumiex, permezz tal-ġenerazzjoni ta' evidenza għal azzjoni infurmata, bikrija u effettiva u n-netwerking tal-kompetenzi meħtieġa. |

**Emenda 91**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 5.1.1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fehim aħjar tal-kawżi u l-evoluzzjoni tat-tibdil fil-klima u projezzjonijiet klimatiċi iktar preċiżi huma kruċjali sabiex is-soċjeta' tipproteġi l-ħajjiet, oġġetti u | Fehim aħjar tal-kawżi u l-evoluzzjoni tat-tibdil fil-klima u projezzjonijiet klimatiċi iktar preċiżi huma kruċjali sabiex is-soċjeta' tipproteġi l-ħajjiet, oġġetti u |

| | |
|---|---|
| infrastrutturi u tiżgura t-teħid effettiv ta' deċiżjonijiet. Huwa essenzjali li titjieb iktar il-bażi ta' għarfien xjentifiku tal-katalizzaturi klimatiċi, proċessi, mekkaniżmi u reazzjonijiet assoċjati mal-iffunzjonar tal-oċeani, ekosistemi terrestri u l-atmosfera. Tbassir tal-klima imtejjeb fi skali pertinenti temporali u spazjali se jkun appoġġat permezz tal-iżvilupp ta' xenarji u mudelli iktar preċiżi, inklużi l-mudelli akkoppjati bis-sħiħ mal-mudelli tas-sistema tad-Dinja. | infrastrutturi u tiżgura t-teħid effettiv ta' deċiżjonijiet. Huwa essenzjali li titjieb iktar il-bażi ta' għarfien xjentifiku tal-katalizzaturi klimatiċi, proċessi, mekkaniżmi u reazzjonijiet assoċjati mal-iffunzjonar tal-oċeani, ekosistemi terrestri u l-atmosfera. Tbassir tal-klima imtejjeb fi skali pertinenti temporali u spazjali se jkun appoġġat permezz tal-iżvilupp ta' xenarji u mudelli iktar preċiżi, inklużi l-mudelli akkoppjati bis-sħiħ mal-mudelli tas-sistema tad-Dinja. ***Jeħtieġ li t-tbassiriet klimatiċi jindirizzaw kif xieraq l-inċertezzi persistenti fl-immudellar reġjonali, l-interazzjonijiet bejn il-klima u l-ożonu, ir-rabtiet bejn it-tibdil fil-klima u l-eventi estremi u r-riskji assoċjati ma' tibdiliet f'daqqa. Bil-għan li jinkisbu xenarji u tbassiriet klimatiċi aktar affidabbli fuq skali spazjali iżgħar, għandhom isiru sforzi akbar fir-rigward tal-iżvilupp ta' installazzjonijiet pan-Ewropej ta' superkompjuters għar-riċerka dwar it-tibdil fil-klima.*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Azzjoni klimatika, użu effiċjenti tar-riżorsi u materja prima | 5. Azzjoni klimatika ***u dwar l-ilma***, effiċjenza tar-riżorsi u ***użu sostenibbli ta'*** materja prima; |

**Emenda 93**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.1 – punt 5.1.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Hemm għarfien mhux komplut dwar l-ħila tas-soċjetà u l-ekonomija li jadattaw għat- | Hemm għarfien mhux komplut dwar l-ħila tas-soċjetà u l-ekonomija li jadattaw għat- |

tibdil fil-klima. Miżuri effettivi, ġusti u soċjalment aċċettabbli *lejn* ambjent u soċjetà reżiljenti għall-klima jesiġu analiżi integrata tal-impatti, vulnerabbiltajiet, esponiment tal-popolazzjoni, riskji, spejjeż u opportunitajiet assoċjati mat-tibdil u varjabbiltà fil-klima, filwaqt li jitqiesu l-avvenimenti estremi u perikli kkaġunati mill-klima u r-rikorrenza tagħhom. Din l-analiżi se tkun żviluppata ukoll fuq l-impatti avversi tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità, ekosistemi u servizzi tal-ekosistema, infrastrutturi u assi ekonomiċi u naturali. Se jkun hemm enfasi fuq l-ekosistemi naturali *tal-iktar* valur ***u ambjenti*** mibnija, kif ukoll setturi soċjali, ***kulturali*** u ekonomiċi ewlenin madwar l-Ewropa. L-azzjonijiet se jinvestigaw l-impatti ***u r-riskji*** dejjem jibkru għas-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-konċentrazzjonijiet miżjuda tal-gassijiet serra fl-atmosfera. Ir-riċerka se tevalwa it-tweġibiet innovattivi, distribwiti b'mod ġust u kosteffettivi ta' adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż il-protezzjoni u l-adattament ta' riżorsi naturali u ekosistemi, u effetti relatati, sabiex tinforma u tappoġġa l-iżvilupp tagħhom u l-implimentazzjoni fuq il-livelli u *skali* kollha. Dan ukoll se jinkludi l-impatti, spejjeż u riskji potenzjali, ta' alternattivi ta' ġeoinġinerija. L-interkonnessjonijiet, kunflitti u sinerġiji kumplessi ta' alternattivi ta' adattament u ta' politiki ta' prevenzjoni tar-riskju ma' politiki tal-klima u settorjali oħra se jkunu investigati, inklużi l-impatti fuq l-impjiegi u l-istandards ta' *għajxein* ta' gruppi vulnerabbli.

tibdil fil-klima. Miżuri effettivi, ġusti u soċjalment aċċettabbli *favur* ambjent u soċjetà reżiljenti għall-klima jesiġu analiżi integrata tal-impatti, vulnerabbiltajiet, esponiment tal-popolazzjoni, riskji, spejjeż u opportunitajiet assoċjati mat-tibdil u varjabbiltà fil-klima, filwaqt li jitqiesu l-avvenimenti estremi u perikli kkaġunati mill-klima u r-rikorrenza tagħhom. Din l-analiżi se tkun żviluppata ukoll fuq l-impatti avversi tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità, ekosistemi ***(inkluż fuq id-dinamika u l-kapaċità tagħhom)*** u servizzi tal-ekosistema, infrastrutturi u assi ekonomiċi u naturali. ***Ir-riċerka se tindirizza wkoll kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-ilma relatati mat-tibdil fil-klima.*** Se jkun hemm enfasi fuq l-ekosistemi naturali *tal-akbar* valur***, is-siti arkeoloġiċi, l-ambjenti*** mibnija ***u l-pajsaġġi u l-wirt urbani***, kif ukoll ***riżorsi kulturali, u*** setturi soċjali u ekonomiċi ewlenin madwar l-Ewropa. L-azzjonijiet se jinvestigaw l-impatti ***fuq ir-riżorsi tal-ilma, l-agrikoltura u l-forestrija, kif ukoll ir-riskji*** dejjem jibkru għas-saħħa tal-bniedem ***u aspetti soċjoekonomiċi oħra*** li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-konċentrazzjonijiet miżjuda tal-gassijiet serra fl-atmosfera. Ir-riċerka se tevalwa it-tweġibiet innovattivi, distribwiti b'mod ġust u kosteffettivi ta' adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż il-protezzjoni u l-adattament ta' riżorsi naturali u ekosistemi, u effetti relatati, sabiex tinforma u tappoġġa l-iżvilupp tagħhom u l-implimentazzjoni fuq il-livelli u *l-iskali* kollha. Dan ukoll se jinkludi l-impatti, spejjeż u riskji potenzjali, ta' alternattivi ta' ġeoinġinerija. L-interkonnessjonijiet, kunflitti u sinerġiji kumplessi ta' alternattivi ta' adattament u ta' politiki ta' prevenzjoni tar-riskju ma' politiki tal-klima u settorjali oħra se jkunu investigati, inklużi l-impatti fuq l-impjiegi u l-istandards ta' *għajxien* ta' gruppi vulnerabbli.

**Emenda 94**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.1 – punt 5.1.2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hemm bżonn urġenti ta' innovazzjonijiet integrati fis-sistemi tal-ilma tal-Ewropa. L-Ewropa qed tiffaċċja infrastruttura tal-ilma li kulma jmur qed teqdiem (kemm il-provvista tal-ilma tajjeb għax-xorb kif ukoll tal-ilma mormi), nuqqas ikbar ta' ilma, riskji akbar ta' għargħar urban, tniġġis tal-ilma u domanda dejjem tikber u aktar speċifika ta' ilma mill-agrikoltura, l-industriji u l-popolazzjonijiet urbani. Biex jiġu ssodisfati l-isfidi tas-soċjetà (il-garanzija ta' ilma ta' kwalità tajba bi prezz raġonevoli għal kulħadd, li jiġi pprovdut ilma tajjeb bi kwalità tajba għall-industrija/l-agrikoltura u biex jitnaqqas it-tniġġis) jeħtieġ li l-Ewropa tinvesti fi tranżizzjonijiet innovattivi tas-sistemi tal-ilma.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-azzjonijiet tas-soċjetà jirriskjaw li permezz tagħhom jiskattaw il-bidliet fl-ambjent li huma irreversibbli u li jbiddlu l-karattru tal-ekosistemi. Huwa vitali li dawn ir-riskji jiġu antiċipati permezz tal-valutazzjoni, monitoraġġ u tbassir tal-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem, u l-bidliet ambjentali fuq il-benessri tal-bniedem. Ir-riċerka dwar l-ekosistemi tal-baħar (miż-żoni kostali *għall-baħar* fond), ilma ħelu, terrestri u urbani, inkluż l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art, se ttejjeb *l-fehim* tagħna tal-interazzjonijiet kumplessi bejn ir-riżorsi naturali u s-sistemi soċjali, ekonomiċi u | L-azzjonijiet tas-soċjetà jirriskjaw li permezz tagħhom jiskattaw il-bidliet fl-ambjent li huma irreversibbli u li jbiddlu l-karattru tal-ekosistemi. Huwa vitali li dawn ir-riskji jiġu antiċipati permezz tal-valutazzjoni, monitoraġġ u tbassir tal-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem, u l-bidliet ambjentali fuq il-benessri tal-bniedem. Ir-riċerka dwar l-ekosistemi tal-baħar (miż-żoni kostali *sal-baħar* fond), ilma ħelu, terrestri u urbani, inkluż l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art, se ttejjeb *il-fehim* tagħna tal-interazzjonijiet kumplessi bejn ir-riżorsi naturali u s-sistemi soċjali, ekonomiċi u |

| | |
|---|---|
| ekoloġiċi, inklużi l-punti kritiċi naturali, u r-reżiljenza, jew fraġilità, tas-sistemi umani u bijoloġiċi. Dan se jeżamina kif l-ekosistemi jiffunzjonaw u jirreaġixxu għall-impatti antropoġeniċi, kif dawn jistgħu jinġiebu għal li kienu, u kif dan se jaffettwa l-ekonomiji u l-benessri tal-bniedem. Dan se jinvestiga wkoll soluzzjonijiet għall-indirizzar tal-isfidi għar-riżorsi. Dan ser jikkontribwixxi għall-politiki u prattiki li jiżguraw li l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi joperaw fi ħdan il-limiti tas-sostenibbilità u l-adattabilità tal-ekosistemi u bijodiversità | ekoloġiċi, inklużi l-punti kritiċi naturali, u r-reżiljenza, jew fraġilità, tas-sistemi umani u bijoloġiċi. Dan se jeżamina kif l-ekosistemi jiffunzjonaw u jirreaġixxu għall-impatti antropoġeniċi, kif dawn jistgħu jinġiebu għal li kienu, u kif dan se jaffettwa l-ekonomiji u l-benessri tal-bniedem. Dan se jinvestiga wkoll soluzzjonijiet għall-indirizzar tal-isfidi għar-riżorsi. ***Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi dwar l-ilma, l-aktar billi jinħolqu mudelli ġodda tal-ġestjoni tal-ilma li jirrispondu għall-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma f'żoni rurali u urbani bbażati fuq approċċ integrat biċ-ċiklu tal-ilma fil-qalba tiegħu, li jinvolvi l-utenti finali kif ukoll il-partijiet interessati, u li jiggarantixxu t-trasparenza. Dan għandu jinkludi: informazzjoni dwar l-oriġini tal-ilma, distribuzzjoni ugwali u l-proċedura għall-bejgħ u l-użu tiegħu.*** Dan ser jikkontribwixxi għall-politiki u prattiki li jiżguraw li l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi joperaw fi ħdan il-limiti tas-sostenibbilità u l-adattabilità tal-ekosistemi u bijodiversità |

**Emenda 96**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-iżgurar ta' azzjoni biex jiġu protetti t-tranżizzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tas-servizzi tal-ilma. L-għan huwa li tittejjeb il-bażi ta' għarfien innovattiv dwar (it-tranżizzjonijiet fil-) il-provvista tal-ilma, il-purifikazzjoni tal-ilma, l-għeluq taċ-ċiklu tal-ilma, l-irkupru tal-materja prima/l-enerġija u t-titjib tal-impenn/l-imġiba biex jintlaħqu l-ħtiġijiet futuri. Fuq livell ġenerali, ir-riżorsi tal-ilma għandhom jitqiesu u jiġu mmaniġġjati b'mod olistiku. Dan jinkludi reġjuni naturali, kwistjonijiet ekoloġiċi, il-fehim*** |

***tas-servizzi tal-ekosistema u l-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma tax-xorb. Għandhom jitqiesu wkoll strutturi istituzzjonali differenti.***

**Emenda 97**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti III – Punt 5.1.3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-tranżizzjoni tal-Unjoni *għal* ekonomija kompetittiva, li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2050 tesiġi id-disinn ta' strateġiji effettivi, fit-tul, b'emissjonijiet baxxi u avvanzi ewlenin fil-ħila tagħna li *ninnovaw*. Ir-riċerka se tivvaluta r-riskji ambjentali u soċjoekonomiċi, l-opportunitajiet u l-impatti tal-alternattivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Ir-riċerka se tappoġġa l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' mudelli ġodda ta' klima-enerġija-ekonomija, filwaqt li tqis l-istrumenti ekonomiċi u esternalitajiet rilevanti, bl-għan li jiġu ttestjati l-alternattivi ta' politika ta' mitigazzjoni u perkorsi ta' teknoloġija b'livell baxx ta' karbonju fi skali differenti u għas-setturi ekonomiċi u soċjali ewlenin fil-livell tal-Unjoni u dak globali. L-azzjonijiet se jiffaċilitaw l-innovazzjoni teknoloġika, istituzzjonali u soċjoekonomika billi jitjiebu r-rabtiet bejn ir-riċerka u *l-appliazzjoni* u bejn l-intraprendituri, utenti aħħarin, riċerkaturi u istituzzjonijiet ta' għarfien. | It-tranżizzjoni tal-Unjoni *lejn* ekonomija kompetittiva, li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2050 tesiġi id-disinn ta' strateġiji effettivi, fit-tul, b'emissjonijiet baxxi u avvanzi ewlenin fil-ħila tagħna li *nkunu innovattivi*. Ir-riċerka se tivvaluta r-riskji ambjentali u soċjoekonomiċi, l-opportunitajiet u l-impatti tal-alternattivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. ***Apparti l-kunsiderazzjoni ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$, hija tista' tenfasizza strateġiji li jistgħu jipproduċu r-rispons klimatiku l-aktar rapidu. (eż. tnaqqis fl-idrofluworokarburi, fil-karbonju iswed u fl-ożonu troposferiku u l-bijosekwestrazzjoni).Dawn l-istrateġiji ta' azjoni rapida jistgħu jiġu implimentati f'qasir żmien u jwasslu għal risponsi klimatiċi fi żmien ftit għexieren ta' snin. Ir-riċerka li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għandha dejjem tikkunsidra n-natura urġenti tal-problema u tqis kemm l-eċċellenza tal-istandards kif ukoll l-veloċità tar-rispons.*** Ir-riċerka se tappoġġa l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' mudelli ġodda ta' klima-enerġija-ekonomija, filwaqt li tqis l-istrumenti ekonomiċi u esternalitajiet rilevanti, bl-għan li jiġu ttestjati l-alternattivi ta' politika |

| | |
|---|---|
| | ta' mitigazzjoni u perkorsi ta' teknoloġija b'livell baxx ta' karbonju fi skali differenti u għas-setturi ekonomiċi u soċjali ewlenin fil-livell tal-Unjoni u dak globali. L-azzjonijiet se jiffaċilitaw l-innovazzjoni teknoloġika, istituzzjonali u soċjoekonomika billi jitjiebu r-rabtiet bejn ir-riċerka u *l-applikazzjoni* u bejn l-intraprendituri, utenti aħħarin, riċerkaturi u istituzzjonijiet ta' għarfien. |

**Emenda 98**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Sistemi* soċjali ekonomiċi u ta' governanza għad iridu jindirizzaw l-eżawriment tar-riżorsi u l-ħsara lill-ekosistemi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jsostnu d-deċiżjonijiet tal-politika meħtieġa sabiex jiġu mmaniġġjati r-riżorsi naturali u l-ekosistemi sabiex jevitaw, jew jadattaw għal tibdil klimatiku u ambjentali ta' sfrattu u sabiex jippromwovu l-bidla istituzzjonali, ekonomika, komportamentali u teknoloġika li tiżgura s-sostenibbiltà. Se titqiegħed enfasi fuq l-ekosistemi u s-servizzi tal-ekosistema kritiċi rilevanti għall-politika, bħall-ilma ħelu, ibħra u oċeani, kwalità tal-arja, bijodiversità, użu tal-art u l-ħamrija. Ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-ekosistemi għall-avvenimenti katastrofiċi, inklużi l-perikli naturali, se *jkunu appoġġati* permezz tat-titjib tal-kapaċitajiet għat-tbassir, avviż bikri u valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u l-impatti, inkluża d-dimensjoni ta' bosta riskji. B'hekk ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu appoġġ għall-politiki ambjentali u tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, u l-alternattivi għal governanza effettiva bbażata fuq l-evidenza fi ħdan il-limiti ta' operat sikur. Se jiġu żviluppati modi innovattivi sabiex tiżdied il-koerenza tal- | *Is-sistemi* soċjali ekonomiċi u ta' governanza għad iridu jindirizzaw l-eżawriment tar-riżorsi u l-ħsara lill-ekosistemi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jsostnu d-deċiżjonijiet tal-politika meħtieġa sabiex jiġu mmaniġġjati r-riżorsi naturali u l-ekosistemi sabiex jevitaw, jew jadattaw għal tibdil klimatiku u ambjentali ta' sfrattu u sabiex jippromwovu l-bidla istituzzjonali, ekonomika, komportamentali u teknoloġika li tiżgura s-sostenibbiltà. Se titqiegħed enfasi fuq l-ekosistemi u s-servizzi tal-ekosistema kritiċi rilevanti għall-politika, bħall-ilma ħelu, ibħra u oċeani, kwalità tal-arja, bijodiversità, użu tal-art u l-ħamrija. Ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-ekosistemi għall-avvenimenti katastrofiċi, inklużi l-perikli naturali, se *tkun appoġġata* permezz tat-titjib tal-kapaċitajiet għat-tbassir, avviż bikri u valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u l-impatti, inkluża d-dimensjoni ta' bosta riskji. B'hekk ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu appoġġ għall-politiki ambjentali u tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, u l-alternattivi għal governanza effettiva bbażata fuq l-evidenza fi ħdan il-limiti ta' operat sikur. Se jiġu żviluppati modi innovattivi sabiex tiżdied il-koerenza tal- |

| | |
|---|---|
| politika, jissolvew il-kompromessi u jiġu mmaniġġjati l-interessi kunfliġġenti, u titjieb il-kuxjenza pubblika dwar ir-riżultati tar-riċerka u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet. | politika, jissolvew il-kompromessi u jiġu mmaniġġjati l-interessi kunfliġġenti, u titjieb il-kuxjenza pubblika dwar ir-riżultati tar-riċerka u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet. ***Għandhom jiġu analizzati d-disponibbiltà u l-produttività tar-riżorsi sostanzjali kollha fid-diversi skali territorjali rilevanti: għandhom jiġu analizzati l-konsegwenzi globali, reġjonali u lokali u dawk soċjoekonomiċi relatati sabiex jiġu elaborati alternattivi għal azzjonijiet politiċi.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għalhekk l-għan ta’ din l-attività huwa t-titjib tal-bażi ta’ għarfien dwar il-materja prima u jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, estrazzjoni, pproċessar, reċiklaġġ u rkupru kosteffettivi, u li jħarsu l-ambjent, tal-materja prima u għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi ekonomiċi b’inqas impatt ambjentali. | Għalhekk l-għan ta’ din l-attività huwa t-titjib tal-bażi ta’ għarfien dwar il-materja prima u *li* jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, estrazzjoni, pproċessar, reċiklaġġ u rkupru kosteffettivi***, trasparenti***, u li jħarsu l-ambjent, tal-materja prima u għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi ekonomiċi b’inqas impatt ambjentali. |

**Emenda 100**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.3 – punt 5.3.2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-materjali, sabiex tiġi żgurata provvista u ġestjoni affordabbli, affidabbli u sostenibbli tal-materja prima li hija essenzjali għall-industriji tal-UE. L-iżvilupp u *l-iskjerament* ta' teknoloġiji tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar ekonomikament vijabbli, soċjalment | Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-materjali, sabiex tiġi żgurata provvista u ġestjoni affordabbli, affidabbli u sostenibbli tal-materja prima li hija essenzjali għall-industriji tal-UE. L-iżvilupp u *l-użu* ta' teknoloġiji tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar ekonomikament vijabbli, soċjalment aċċettabbli u li jħarsu l-ambjent |

| | |
|---|---|
| aċċettabbli u li jħarsu l-ambjent se jagħtu spinta lill-użu tar-riżorsi. Dan se jisfrutta wkoll il-potenzjal tal-minjieri urbani. Teknoloġiji ta' reċiklaġġ u rkupru tal-materjal, mudelli kummerċjali u proċessi ġodda u ekonomikament vijabbli se jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-provvista ta' materja prima primarja. Dan se jinkludi l-bżonn ta' użu itwal, reċiklaġġ u rkupru ta' kwalità ogħla, u l-bżonn li titnaqqas drastikament il-ħela tar-riżorsi. Se jiġi applikat approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, mill-provvista ta' materja prima disponibbli għat-tmiem tal-ħajja, b'rekwiżiti minimi ta' enerġija u riżorsi. | se jagħtu spinta lill-użu tar-riżorsi. Dan se jisfrutta wkoll il-potenzjal tal-minjieri urbani. Teknoloġiji ta' reċiklaġġ u rkupru tal-materjal, mudelli kummerċjali u proċessi ġodda u ekonomikament vijabbli se jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-provvista ta' materja prima primarja. Dan se jinkludi l-bżonn ta' użu itwal, reċiklaġġ u rkupru ta' kwalità ogħla, u l-bżonn li titnaqqas drastikament il-ħela tar-riżorsi. Se jiġi applikat approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, mill-provvista ta' materja prima disponibbli għat-tmiem tal-ħajja, b'rekwiżiti minimi ta' enerġija u riżorsi ***u trasparenza u traċċabbiltà sħiħa***. |

**Emenda 101**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.3 – punt 5.3.3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'antiċipazzjoni għat-tnaqqis possibbli tad-disponibbiltà globali ta' ċerta materja prima, minħabba pereżempju restrizzjonijiet kummerċjali, se jkunu investigati u żviluppati sostituti sostenibbli u alternattivi għall-materja prima kritika, bi prestazzjoni funzjonali simili. Dan għandu jnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-materja prima primarja u ***jtejjeb l-impatt*** fuq l-ambjent. | B'antiċipazzjoni għat-tnaqqis possibbli tad-disponibbiltà globali ta' ċerta materja prima, minħabba, pereżempju, restrizzjonijiet kummerċjali, se jkunu investigati u żviluppati sostituti sostenibbli u alternattivi għall-materja prima kritika, bi prestazzjoni funzjonali simili. Dan għandu jnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-materja prima primarja u ***jnaqqas kwalunkwe impatt negattiv*** fuq l-ambjent. |

**Emenda 102**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-osservazzjoni ambjentali komprensiva u s-sistemi ta' informazzjoni huma essenzjali sabiex jiżguraw il-forniment tad-data u informazzjoni fit-tul meħtieġa sabiex tiġi | L-osservazzjoni ambjentali komprensiva u s-sistemi ta' informazzjoni huma essenzjali sabiex jiżguraw il-forniment tad-data u informazzjoni fit-tul meħtieġa sabiex tiġi |

indirizzata din l-isfida. Dawn is-sistemi se jintużaw sabiex tiġi ivvalutata u mbassra l-kondizzjoni, status u xejriet tal-klima, riżorsi naturali inkluża l-materja prima, ekosistemi u servizzi tal-ekosistema, kif ukoll sabiex jevalwaw politiki u alternattivi ta' livell baxxi ta' karbonju u ta' mitigazzjoni u adattament klimatiċi fost is-setturi kollha tal-ekonomija. L-informazzjoni u l-għarfien minn dawn is-sistemi se jintużaw sabiex jistimulaw l-użu intelliġenti tar-riżorsi strateġiċi; sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-politiki bbażati fuq l-evidenza; sabiex *irawwmu is-servizzi* ambjentali u klimatiċi ġodda; u sabiex jiżviluppaw opportunitajiet ġodda fis-swieq globali.

indirizzata din l-isfida. Dawn is-sistemi se jintużaw sabiex tiġi ivvalutata u mbassra l-kondizzjoni, status u xejriet tal-klima, riżorsi naturali inkluża l-materja prima, ekosistemi u servizzi tal-ekosistema, kif ukoll sabiex jevalwaw politiki u alternattivi ta' livell baxxi ta' karbonju u ta' mitigazzjoni u adattament klimatiċi fost is-setturi kollha tal-ekonomija. L-informazzjoni u l-għarfien minn dawn is-sistemi se jintużaw sabiex jistimulaw l-użu intelliġenti tar-riżorsi strateġiċi; sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-politiki bbażati fuq l-evidenza; sabiex *irawmu s-servizzi* ambjentali u klimatiċi ġodda; ***sabiex jappoġġaw teknoloġiji diġitali għall-monitoraġġ, is-segwitu u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma permezz tas-satellita;*** u sabiex jiżviluppaw opportunitajiet ġodda fis-swieq globali.

**Emenda 103**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kapaċitajiet, teknoloġiji, u infrastrutturi tad-dejta għal *kull osservazzjoni* u *monitoraġġ* tad-dinja għandhom ikunu msejsa fuq l-avvanzi fl-ICT, teknoloġiji tal-ispazju u netwerks *abilitanti,* ***osservazzjonijiet*** *mit-telerilevament,* sensuri fil-post ġodda, servizzi mobbli, netwerks ta’ komunikazzjoni, għodod parteċipatorji tas-servizz tal-web u informatika u infrastruttura tal-immudellar mtejba, bil-għan li kontinwament *tiġi provduta* informazzjoni previżjonijiet u projezzjonijiet fil-ħin u preċiżi. Se jiġi mħeġġeġ l-aċċess liberu, miftuħ u mingħajr restrizzjonijiet għad-dejta u informazzjoni interoperabbli, kif ukoll *l-ħżin*, ġestjoni u disseminazzjoni effettivi tar-riżultati ta’ riċerka. | Il-kapaċitajiet, teknoloġiji, u infrastrutturi tad-dejta *għall-osservazzjoni* u *l-monitoraġġ* tad-dinja għandhom ikunu msejsa fuq l-avvanzi fl-ICT, teknoloġiji tal-ispazju u netwerks *intelliġenti* ***ta' kejl (li jikkombinaw kejl meħud fuq l-art, minn ajruplani u minn bżieżaq permezz ta' strumenti*** *li jaqraw mill-bogħod* ***u sensors*** fil-post ġodda, servizzi mobbli, netwerks ta’ komunikazzjoni, għodod parteċipatorji tas-servizz tal-web u informatika u infrastruttura tal-immudellar mtejba, bil-għan li kontinwament *jiġu provduti* informazzjoni, previżjonijiet u projezzjonijiet fil-ħin u preċiżi. Se jiġi mħeġġeġ l-aċċess liberu, miftuħ u mingħajr restrizzjonijiet għad-dejta u informazzjoni interoperabbli, kif ukoll *il-ħżin*, ġestjoni u disseminazzjoni effettivi tar-riżultati ta’ |

riċerka.

**Emenda 104**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-attivitajiet għandhom isaħħu l-parteċipazzjoni tal-UE fil-proċessi multilaterali *u inizjattivi* ***u l-kontribuzzjoni finanzjarja lejhom***, bħall-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar il-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-Pjattaforma Intergovernattiva dwar is-Servizzi tal-Bijodiversità u l-Ekosistema (IPBES), u l-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO). Il-kooperazzjoni mal-finanzjaturi pubbliċi u privati tar-riċerka ewlenin għandha ttejjeb l-effiċjenza tar-riċerka globali u Ewropea u tikkontribwixxi lill-governanza tar-riċerka globali. | L-attivitajiet ***ta' riċerka*** għandhom isaħħu l-parteċipazzjoni tal-UE fil-proċessi *u inizjattivi* multilaterali, bħall-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar il-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-Pjattaforma Intergovernattiva dwar is-Servizzi tal-Bijodiversità u l-Ekosistema (IPBES), u l-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO). Il-kooperazzjoni mal-finanzjaturi pubbliċi u privati tar-riċerka ewlenin għandha ttejjeb l-effiċjenza tar-riċerka globali u Ewropea u tikkontribwixxi lill-governanza tar-riċerka globali. |

**Emenda 105**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 5.6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kooperazzjoni fix-Xjenza u t-teknoloġija għandha tikkontribwixxi lill-mekkaniżmu ta’ teknoloġija globali tal-UNFCCC u tiffaċilita l-iżvilupp tat-teknoloġija, innovazzjoni u trasferiment bħala appoġġ għall-adattament tal-klima u l-mitigazzjoni tal-gassijiet serra. | Il-kooperazzjoni fix-Xjenza u t-teknoloġija għandha tikkontribwixxi lill-mekkaniżmu ta’ teknoloġija globali tal-UNFCCC u tiffaċilita l-iżvilupp tat-teknoloġija, innovazzjoni u trasferiment bħala appoġġ għall-adattament tal-klima u l-mitigazzjoni tal-gassijiet serra. ***Bl-istess mod, jeħtieġ li l-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija tevidenzja s-sinerġiji bejn il-Protokolli ta' Kjoto u ta' Montreal sabiex jiġu ottimizzati l-possibilitajiet strateġiċi ta' politika, pereżempju fir-rigward tal-idrofluworokarburi.*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 6.1 – punt 6.1.1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-isfidi kbar tas-soċjetà mhumiex astratti; għandhom dimensjoni territorjali. Barra minn hekk, fid-dawl tal-importanza tal-kwistjoni problematika urbana f'termini ta' kreattività, innovazzjoni, aspetti soċjali, ekonomiċi, kulturali u ambjentali, hemm il-ħtieġa ta' kunsiderazzjoni speċifika.*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti III – punt 6.3.1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6.3.1. *Ġlieda* kontra l-kriminalità u t-terroriżmu | 6.3.1. *Il-ġlieda* kontra l-kriminalità ***organizzata*** u t-terroriżmu. |

**Emenda 108**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti IV – punt 3.1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Valutazzjoni ta’ riskji u opportunitajiet ta’ teknoloġiji u kimiki ġodda, inklużi n-nanomaterjali, fl-ikel, għalf u prodotti tal-konsumatur; żvilupp u validazzjoni tal-kejl armonizzat, metodi ta’ identifikazzjoni u kwantifikazzjoni, strateġiji ta’ ttestjar integrat u għodod mill-aktar avvanzati għall-valutazzjoni tal-periklu tossikoloġiku, inklużi l-metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali; valutazzjoni tal-effetti fuq is-saħħa mit-tniġġis | (a) Valutazzjoni ta’ riskji u opportunitajiet ta’ teknoloġiji u kimiki ġodda, inklużi n-nanomaterjali, fl-ikel, għalf u prodotti tal-konsumatur; żvilupp***, evalwazzjoni*** u validazzjoni tal-kejl armonizzat, metodi ta’ identifikazzjoni u kwantifikazzjoni, strateġiji ta’ ttestjar integrat u għodod ***esperimentali mhux fuq l-annimali u komputazzjonali*** mill-aktar avvanzati għall-valutazzjoni tal-periklu tossikoloġiku ***u r-riskju***, inklużi l-metodi alternattivi |

| | |
|---|---|
| ambjentali. | għall-ittestjar fuq l-annimali ***għall-effetti ta' saħħa u ambjentali***; valutazzjoni tal-effetti fuq is-saħħa mit-tniġġis ambjentali. |

**Emenda 109**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – parti IV – punt 3.3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Netwerks ta' trażmissjoni tal-enerġija/elettriku, b'mod partikolari l-immudellar u simulazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej ta' enerġija, l-analiżi tat-teknoloġiji tal-grilja intelliġenti/super, u simulazzjoni f'ħin reali tas-sistemi ta' enerġija. | (b) Netwerks ta' trażmissjoni tal-enerġija/elettriku, b'mod partikolari l-immudellar u simulazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej ta' enerġija, l-analiżi tat-teknoloġiji tal-grilja intelliġenti/super, u ***l-potenzjal għall-ħażna tal-enerġija u*** simulazzjoni f'ħin reali tas-sistemi ta' enerġija. |

**Emenda 110**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti I – punt 1 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' riċerkaturi minn Stati Membri differenti li jirċievu finanzjament.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti II – punt 1 – inċiż 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' invenzjonijiet kummerċjalizzati*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti II – punt 1 – inċiż 1b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' SMEs parteċipanti*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti II – punt 1 – inċiż 1c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- Il-kontribut għat-tkabbir tal-PDG tal-Unjoni*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti II – punt 1 – inċiż 1d (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' impjiegi maħluqa*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti II – punt 2 – inċiż 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' SMEs fost il-benefiċjarji*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness I – Parti II – punt 3 – inċiż 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- Il-kontribut għat-tkabbir tal-PDG tal-Unjoni*** |

**Emenda 117**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti II – punt 3 – inċiż 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' impjiegi maħluqa*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti III – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' invenzjonijiet kummerċjalizzati*** |

**Emenda 119**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti III – paragrafu 2 – inċiż 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' SMEs parteċipanti*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti III – paragrafu 2 – inċiż 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' objettivi milħuqa fir-rigward tal-Unjoni għall-Innovazzjoni u l-Effiċjenza fir-Riżorsi*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti III – paragrafu 2 – inċiż 2d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- Il-kontribut għat-tkabbir tal-PDG tal-Unjoni*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness II – Parti III – paragrafu 2 – inċiż 2e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-għadd ta' impjiegi maħluqa*** |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) |
| **Referenzi** | (COM(2011)0811 – C7-0509/2011 – 2011/0402(CNS)) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Cristian Silviu Buşoi<br>20.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 20.6.2012 10.7.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.9.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 62<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Martina Anderson, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Jo Leinen, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Frieda Brepoels, Cristian Silviu Buşoi, Nikos Chrysogelos, João Ferreira, Christofer Fjellner, Gaston Franco, Jutta Haug, Romana Jordan, James Nicholson, Justas Vincas Paleckis, Vittorio Prodi, Britta Reimers, Christel Schaldemose, Alda Sousa, Rebecca Taylor, Anna Záborská, Andrea Zanoni |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Agustín Díaz de Mera García Consuegra |